# Madonna Ta' Pinu

Sena XXX Vol XI Nru. 150 Lulju - Settembru 2009



## Il-Verġni Marija fis-Sena Liturġika

## Żmien matul is-sena

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# *Madonna Ta' Pinu*

Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Sena XXX Vol XI Nru. 150**
**Lulju - Settembru 2009**



**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Maureen Attard, Esther Bajada, Edward Depasquale.


*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*


**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
***L-Editur,*** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: theeditor@tapinu.org*


**Abbonament għas-sena 2009:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | **€ 6.00** |
| *Ewropa* | **€14.00** |
| *Barra mill-Ewropa* | **€17.00** |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |



**Ritratti tal-Qoxra**

***Quddiem:*** M. I. Rupnik, *Tħabbira tal-Mulej*, dettal Kappella tan-Nunzjatura Appostolika, Pariġi - Franza.

***Wara:*** Proġetti ta' Restawr fis-Santwarju Ta' Pinu

***Disinni fil-bidu ta' kull artiklu:***
*Dettal ta' l-iskultura* - Wistin Camilleri, u Mużajċi li jinsabu fis-*Santwarju Ta' Pinu*

***Ringrazzjament***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu,*
*Archivio Foto. Marconi, Bologna, Italja.*


**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2009
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## *F'din il-Ħarġa...*


**1** Il-Kelma tar-Rettur — *Għażliet żgħar, imma...*

**2** Tifsira tal-Qoxra — *It-Tħabbira tal-Mulej*

**3** Marija, xbieha u Omm tal-Knisja

**5** Il-Verġni Marija fiż-żmien ta' matul is-sena

**7** Lectio Divina: *"Hienja dik li emmnet"*

**10** Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona

**13** Pellegrini ma' Marija: fil-ħajja ta' kuljum

**15** L-Arti Simbolika fis-Santwarju Ta' Pinu

**17** Il-Qalb tal-parroċċa tal-Imsida

**20** English Corner — *Mary and our journey in Ordinary Time*

**22** Ħsibijiet Marjani: *Marija, il-Mara ta' ftit kliem*

**24** Sliem Għalik: *Talba ta' San Fortunatu Venanzju, Isqof*

**26** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**30** Marian Stamps from around the world: *First Marian Postage Stamps*

**34** Poeżija: *Il-Madonna ta' Pinu*

**37** L-Għanja tal-Qaddejja Is-6 parti

**39** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**40** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


### *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*

**Inpoġġu taħt il-ħarsa tal-Verġni Marija liż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin li ser jibdew il-mixja tagħhom lejn is-Saċerdozju.**




# Għażliet żgħar, imma...

Forsi mhux dejjem nintebħu - u dan minħabba li qed ngħixu ħajja mgħaġġla - li l-ħajja ta' kuljum hija mibnija fuq ħafna għażliet żgħar. Għażliet li jħallu effett ftit jew wisq fuq il-ħajja tagħna. Xi drabi l-effett ta' dawn l-għażliet ikun tajjeb, waqt li xi drabi oħra jistgħu jħallu fuqna effett ħażin.

Għażliet li għalkemm huma żgħar xi drabi jħallu effett kbir fuq il-ħajja. L-għażliet li fuqhom qed nitkellem huma dawk tal-ħajja ta' kuljum. Fuqhom tinbena l-ħajja. Nagħtu xi eżempji...

Kull filgħodu hekk kif tiftaħ għajnejk trid tqalleb fil-kxaxen biex tara x'tip ta' ħwejjeġ ser tilbes..., tmur għand tal-ħanut u hawn għandek l-stess prodott li trid tixtri imma ta' diversi ditti... trid tagħżel liema tixtri. Anke f'dawn il-jiem tas-sajf, jiem ta' vaganzi, trid tgħażel kif ser tgħaddi dawn il-jiem ta' mistrieħ. Il-ħajja hija għaġna ta' għażliet differenti, imma kollha huma importanti.

Anki t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna għandhom diversi għażliet... iridu jagħżlu is-suġġetti tal-iskola, il-lingwi li jridu jitgħallmu, il-kors li jridu jaqbdu fl-universita`, il-ħbieb, il-programmi tat-televiżjoni, l-isport li jridu jipprattikaw, il-postijiet tad-divertiment u ħafna għażliet oħra...

Għażliet komuni, għażliet żgħar, għażliet ta' kuljum, imma fl-istess ħin huma għażliet kbar għaliex fuqhom tinbena l-ħajja ta' kuljum tal-persuna!

Anki n-Nisrani mhux meħlus minn dawn l-għażliet, anzi għandu għażla kbira li jrid jagħmel, għażla fundamentali: l-għażla li jimxi wara Kristu jew le. Din hija għażla mhux ta' darba iżda għażla ta' kuljum. Din ma hix għażla ċkejkna, iżda hija għażla importanti li tinbena fuq ħafna għażliet żgħar ta' kuljum.

Qed ngħixu f'dinja li ta' kuljum tgħidilna:

- aħseb għal rasek, aħseb fik innifsek; Kristu jgħidli: "Aħseb fl-oħrajn";
- poġġi lilek innifsek fuq kulħadd; il-Mulej jgħidli: "Jiena hu Alla tiegħek";
- kun iebes, u tħalli lil ħadd jikmandak; Kristu jgħidli: "Kun umli u agħżel it-triq tal-qadi";
- għajn għal għajn u sinna għal sinna; Kristu jgħidli: "Aħfer lil min jgħamillek id-deni";



- id-divorzju huwa tajjeb; Kristu jgħidli: "Għix l-imħabba bil-fedelta` ta' kuljum";
- aħrab it-tbatija; Kristu jgħidli: "Erfa' salibek kuljum u ejja warajja".

F'din il-150 ħarġa tar-rivista tagħna qed inħarsu lejn it-tfajla ta' Nażaret fil-ħajja ta' kuljum. Iva, anki Marija kellha tagħmel l-għażliet tagħha. L-għażla tagħha kienet għażla tal-kelma ta' Alla flok dik tad-dinja. "Ħa jsir minni skont kelmtek, hawn hi l-qaddejja tal-Mulej", din l-għażla fundamentali fil-ħajja tal-Verġni Marija ġiet imwettqa b'għadd ta' għażliet oħra żgħar fil-ħajja tagħha, għażliet li kuljum tagħmel dak li jitlob minnha l-Mulej.

Il-ħajja tagħna tkun tassew ħajja vera, ħajja mimlija hena u paċi, jekk aħna bħal Marija nagħmlu l-għażla tagħna favur Kristu. Dan għaliex il-kelma ta' Kristu hija verita` u ħajja.

Omm tagħna Marija, int tħobbna wisq, kun magħna ta' kuljum biex tkompli tmexxina biex l-għażliet kollha li nagħmlu fil-ħajja tagħna ta' kuljum ikunu għażliet imdawla mill-kelma ta' Kristu u mhux minn dik tad-dinja. Iva, il-kelma tad-dinja xi drabi hija ferm aktar attraenti u eħfef minn dik ta' Ibnek, iżda aħna nafu li l-kliem tiegħu huwa verita`. Irridu ngħixu fil-verita`, irridu ngħixu fil-paċi, irridu ngħixu ferħana! Għinna biex ta' kuljum, kull għażla li nagħmlu tkun l-għażla ta' Kristu u miegħek aħna ngħidu lil Missierna tas-Sema: "Ħa jkun li trid int"! ◆



## Tifsira tal-Qoxra

M.I. Rupnik,
***Dettall mit-Tħabbira tal-Mulej,***
Kappella tan-Nunzjatura Appostolika, Pariġi - Franza.

F'dan id-dettall jispikkaw il-parċmina u l-kobba suf ħamra f'idejn il-Verġni Marija. Fl-ikonografija Sirjaka, il-kobba ħamra f'idejn il-Madonna trid tfakkarna fil-misteru tal-Inkarnazzjoni. Fil-ġuf tagħha Marija nisġet il-ġisem uman tal-Verb Divin. Dan seħħ għaliex il-ħajja kollha ta' Marija kienet marbuta mal-Kelma Divina, nisġa waħda mar-rieda ta' Alla. Il-Verġni Mbierka tfakkarna li l-"IVA" tagħna lil Alla trid tkun tixbah lil tagħha. Ma hix "Iva" ta' darba, iżda "IVA" li tiġi mġedda ta' kuljum. Hekk kif biċċa drapp minsuġa hija frott ħafna punti ċkejknin marbuta flimkien, hekk ukoll il-ħajja tan-Nisrani hija nisġa tar-rieda ta' Alla fil-ħajja tal-bniedem, l-aktar fl-affarijiet ċkejkna ta' kuljum.



# Marija, xbieha u Omm tal-Knisja

**minn Patri Anton Farrugia ofm**

Matul is-sena liturġika, kemm fil-kalendarju tal-Knisja universali u kemm fil-kalendarji tal-Knejjes partikulari u tal-ordnijiet reliġjużi, issir it-tifkira tal-Verġni Mqaddsa Marija, l-aktar f'jum is-Sibt. Din it-tifkira tal-Madonna kull tmint ijiem tfakkarna li l-Verġni Marija hi dejjem preżenti fil-ħajja tal-Knisja.

Fil-*Ġabra ta' Quddies f'ġieħ il-Verġni Marija,* li ġie ppubblikat fis-sena 1987, insibu tliet formularji li jagħtu ġieħ lill-Imqaddsa Verġni Marija, xbieha u Omm il-Knisja. Kien il-Qaddej ta' Alla l-Papa Pawlu VI li f'għeluq it-tielet sessjoni tal-Konċilju Vatikan II iddikkjara lill-Madonna bħala "*Omm il-Knisja,* jiġifieri Omm il-poplu Nisrani kollu, kemm fidili u kemm ragħajja, għax kollha jqisuha bħala l-omm l-aktar maħbuba" u ried li b'dan l-isem l-Insara kollha jagħtu aktar ġieħ lil Omm Alla.

Fis-sena 1974 kienet tħejjiet Quddiesa għaċ-ċelebrazzjonijiet Marjani tal-Ġublew tal-Fidwa tal-1975 li mbagħad daħlet fit-tieni edizzjoni tipika tal-Missal Ruman. Din hija l-ewwel Quddiesa li tagħti ġieħ lill-Verġni Marija bħala xbieha u Omm il-Knisja u tiċċelebra l-missjoni li l-Madonna tagħmel fil-Knisja u għall-Knisja. L-Ewkoloġija ta' din il-Quddiesa tiġbor fiha l-aktar ġrajjiet importanti fil-ħajja tal-Omm qaddisa ta' Alla jiġifieri:

- **l-Inkarnazzjoni tal-Iben:** meta l-Verġni Marija laqgħet fil-qalb tagħha bla tebgħa l-Verb ta' Alla u stħaqqilha tnisslu fil-ġuf tagħha ta' Verġni u hekk waqfet mal-Knisja fil-bidu tagħha (ara l-Prefazju);
- **il-Passjoni tal-Mulej:** meta Kristu minn fuq is-salib tana lil Ommu Marija bħala Ommna (ara l-Kolletta u l-Antifona tat-Tqarbin);
- **l-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli:** meta Marija ssieħbet magħhom fit-talb fl-istennija tal-Ispirtu mwiegħed u b'hekk saret xbieha tal-Knisja li titlob;
- **it-Tlugħ tal-Madonna fis-sema:** għaliex Marija "b'imħabba ta' omm tieħu ħsieb il-Knisja fid-dinja u tħarisha fil-mixja tagħha lejn is-sema" (ara l-Prefazju).

**It-Tieni Quddiesa** li tiċċelebra lil Marija bħala xbieha u Omm il-Knisja tagħti ġieħ lil Alla l-Missier li, kif jingħad fil-Prefazju, "fil-kobor bla qies tat-tjieba tiegħu" ta lill-Knisja verġni, l-Imqaddsa Verġni Marija, bħala "xempju ta' virtu`" (ara l-Antifoni tad-Dħul u tat-Tqarbin).

Kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II, "filwaqt li l-Knisja hi dejjem aktar riesqa lejn dik

il-perfezzjoni li tkun bla tebgħa u bla tikmixa (ara Ef 5,27), l-Insara għandhom iħabirku biex jirbħu d-dnub u jikbru fil-qdusija. Għalhekk iħarsu lejn Marija, li tiddi bħala xempju ta' virtu` għax-xirka kollha tal-magħżulin" (ara *Lumen Gentium,* 65):

- **fil-kobor ta' mħabbitha:** għalhekk fil-Kolletta nitolbu: "Agħmel li l-Knisja tiegħek hija u tħares bħal Marija l-preċett tal-imħabba... tkun għall-ġnus kollha sagrament tal-imħabba tiegħek;
- **fit-talb tagħha:** hija li tfaħħar il-kobor tal-Mulej, tidħol għall-għarajjes fit-tieġ ta' Kana u "qalb waħda kienet titlob flimkien mal-Appostli" fiċ-Ċenaklu (ara l-Prefazju);
- **fil-qima spiritwali:** il-Madonna tiddi fil-Knisja, bħala eżempju ta' qima spiritwali, dik il-qima li biha aħna noffru lilna nfusna bħala sagrifiċċju qaddis li jogħġob lil Alla. (ara t-Talba fuq l-Offerti);
- **fiċ-ċelebrazzjoni liturġika:** Marija, "il-Verġni li tisma' u li toffri", kif jingħad fil-Prefazju, hija għall-Knisja kollha xempju ta' "dak is-sentiment ta' tjieba li bih il-Knisja tiċċelebra l-misteri ta' Alla u turihom f'ħajjitha" (ara *Marialis cultus,* 16-21).

**It-Tielet u l-aħħar Quddiesa** li tagħti ġieħ lill-Madonna bħala xbieha u Omm il-Knisja, tiċċelebra t-tjieba ta' Alla li tant ħabb il-Knisja li taha lill-Verġni Mbierka biex fiha tara xbieha tal-mixja profetika tagħha f'din id-dinja u s-sebħ tagħha fis-sema. L-Imqaddsa Verġni Marija, "mera bla tebgħa tas-setgħa ta' Alla" (ara l-Antifoni tad-Dħul u tat-Tqarbin), hija xbieha l-aktar safja tal-Knisja bħala:

- **dixxiplu l-aktar perfett** li mxiet wara Kristu. Għalhekk fil-Kolletta nitolbu biex il-Knisja "tħares lejn Marija ħa tagħraf timxi sewwa wara Kristu" u minn jum għall-ieħor issir tixbah dejjem aktar lil Kristu b'dak ix-xebh tiegħu li tara u tfaħħar fl-Omm tiegħu glorjuża" (ara Talba fuq l-Offerti);
- **verġni ta' fidi,** fidi li l-Knisja tfittex bla heda li jkollha għaliex kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II il-Madonna żammet sħiħa u safja l-kelma li tat lill-għarus tagħha (ara *Lumen Gentium,* 64);
- **l-għarusa marbuta mal-Għarus tagħha** "b'rabta ta' mħabba li ma tinħall qatt u sieħba miegħu fil-Passjoni" (ara l-Prefazju);
- **l-Omm** "li nisslet iben taħt id-dell tal-Ispirtu s-Santu, kollha ħerqana għall-ġid tal-bnedmin kollha" (ara l-Prefazju);
- **is-Sultana** "mżejna b'ġawhar ta' virtu`, imsieħba għal dejjem fil-glorja ta' Sidha" (ara l-Prefazju). Fiha l-Knisja tara bħal f'mera l-glorja li għad ikollha (ara l-Antifona tad-Dħul u t-Talba fuq l-Offerti).

Dawn it-tliet formularji juruna li l-Madonna hija xbieha tal-ħajja tal-Knisja u dawl fil-mixja tagħha ta' fidi wara l-Mulej. Kif ifakkarna l-Konċilju Vatikan II, il-Knisja li fl-Imqaddsa Vergni Marija ġa kisbet xebh sħiħ ma' Binha, bil-ferħ kollu tara f'dehra l-aktar safja dak li tixtieq u tittama li għad tkun kollha kemm hi fis-sema (ara *Sacrosanctum concilium,* 103).♦





# Il-Verġni Marija fiż-żmien ta' matul is-sena

**minn Dun Edward Vella**

Il-ħajja tal-bniedem hija magħmula minn mumenti hekk imsejħa importanti, bħat-twelid, il-magħmudija, l-ewwel tqarbina, il-Griżma tal-Isqof, iż-żwieġ, mument ta' gradwazzjoni, u anki ċelebrazzjonijiet oħrajn, iżda wkoll minn żmien ordinarju, jiġifieri l-ħajja tagħna ta' kuljum. Dan tal-aħħar huwa ħafna aktar estensiv minn dak tal-ewwel. Ħafna drabi aħna nħarsu lejn il-mumenti importanti bħala dawk il-mumenti li jaqtgħu ftit mir-rutina ta' kuljum, u allura għalina huma mumenti ta' ferħ, u hekk għandu jkun. Imma l-bniedem għaqli jfittex li jagħti sens ukoll lill-ħajja tiegħu ta' kuljum, biex hekk il-ferħ tiegħu ma jkunx biss ta' dawk il-ftit jiem ta' festa iżda jkun ferħ li jgawdih f'ħajtu kollha.

Hekk ukoll il-liturġija tal-Knisja, li hija l-mixja li ta' kull sena l-Knisja tistedinna nagħmlu flimkien ma' Ġesu`. Is-sena liturġika fiha l-mumenti importanti tagħha, bħal dawk tal-Milied u tal-Għid u anki festi kbar oħra, iżda wkoll għandna ż-żmien ordinarju, iż-żmien li għad li fih jidher li ma hu ċċelebrat xejn speċjali, xorta waħda f'dan iż-żmien Alla jridna nesperjenzaw l-imħabba u l-attenzjoni tiegħu. Min iħobb verament ma jurix imħabbtu biss f'okkażjonijiet speċjali iżda juriha wkoll ta' kuljum.

Ommna Marija, li kienet l-aktar persuna qrib ta' Ġesu` f'kull mument ta' ħajtu, għandha ħafna wkoll x'tgħallimna f'dan iż-żmien. Hija dik l-omm li l-imħabba tagħha lejn Binha ma dehritx biss f'ċirkustanzi partikulari fil-Vanġelu, bħal fil-ġrajjiet tat-twelid ta' Ġesu` u anki fil-mument tal-passjoni, mewt u qawmien tiegħu, iżda l-imħabba ta' din l-omm lejn l-Iben tagħha dehret ukoll fid-dedikazzjoni tagħha lejh fil-ħajja ordinarja ta' kuljum, f'dawk il-mumenti li l-anqas huma msemmija fil-Vanġelu.

Dan kollu huwa veru, imma jekk il-ħajja ta' Marija ta' kuljum kienet moħbija aħna kif nistgħu nitgħallmu minnha? Jien naħseb li l-atteġġjament ta' Marija fil-ħajja tagħha ta' kuljum jidher b'mod speċjali fil-mumenti importanti tal-ħajja ta' Ġesu`. Dan ifisser li dak li Marija kienet tgħix fil-ħajja moħbija tagħha ta' Nażaret, żgur li kompliet tgħixu b'mod aktar intens f'dawk l-okkażjonijiet fejn tissemma fil-Vanġelu.

Nixtieq nimmedita b'mod partikulari l-ġrajja ta' meta Marija u Ġużeppi tilfu lil binhom Ġesu` meta marru jżuru t-Tempju u

ħallewh warajhom għax ħasbu li kien qiegħed ma' qrabathom. Naħseb li lkoll nistgħu nimmaġinaw ix-xokk kbir li ħadu meta ndunaw li Ġesu` ma kienx magħhom. Mhux biss xokk, iżda anki mument ta' mistħija quddiem qrabathom. Naħseb li kieku ġara dan lilna konna nibdew inwaħħlu f'xulxin u naraw kif nagħmlu u nwaddbu t-tort fuq l-ieħor jew l-oħra. Fil-familji tagħna ma tantx huma ta' spiss ġrajjiet daqshekk diffiċli għall-grazzja ta' Alla, imma naħseb li atteġġjament li ma tantx qiegħed jagħmlilna ġid huwa dak li ma naċċettawx l-iżbalji tagħna u nfittxu li nwaħħlu f'ħaddieħor. Mhux hekk Marija u Ġużeppi. Huma reġgħu lura jfittxu lil binhom Ġesu`.

It-tfittxija ma ħaditx xi ftit sigħat, iżda tlitt ijiem. Nistgħu nimmaġinaw xi jfisser tlitt ijiem ta' tfittxija. Meta sabu lil Ġesu` ma bdewx jgħajtu miegħu, iżda ommu Marija qaltlu: "Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk. Ara, jien u missierek konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma". Ninnutaw dan il-kliem: Marija jew Ġużeppi ma bdewx jgħajtu ma' Ġesu`, jew jippuntaw subgħajhom lejh, għaliex hu kien il-ħtija ta' tant tbatija mhux biss fiżika imma wkoll psikoloġika, iżda ommu qaltlu biss dak li kienu qiegħdin iħossu huma. Meta hu tahom tweġiba, għad li ma tantx fehmuha, ma komplewx jiddiskutu, iżda marru lura lejn Nażaret fil-paċi.

Jekk din il-familja kienet kapaċi żżomm il-paċi u l-għaqda f'ċirkustanza li tant offrietilhom okkażjonijiet biex jitilfuhom, nistgħu nimmaġinaw kif kienet il-ħajja ta' kuljum ta' din il-familja. Naħseb li kienet ħajja nieqsa mill-ħafna ħwejjeġ superfiċjali iżda għanja f'dak li hu l-iżjed essenzjali. Nimmaġina l-ħajja ta' kuljum ta' din il-familja għanja f'dawk li huma sinċerita`, attenzjoni għal xulxin, ħin biex jitkellmu u jiftħu qalbhom flimkien, ħin għax-xogħol u ħin għall-mistrieħ flimkien; naħseb li f'din il-familja kien hemm ukoll bżonn li jaħfru lil xulxin xi darba, u anki forsi jaħfru lil xi ħadd ieħor, forsi familjari, ġirien jew ħbieb.

Tgħid għaliex illum dawn il-kwalitajiet li tant huma essenzjali fil-ħajja saru tant rari, u anki forsi għad li ħafna jafu li huma kwalitajiet sbieħ, ħafna wkoll x'ħin jiġu fil-prattika tal-ħajja ta' kuljum isibuha tant diffiċli li jgħixu dawn il-valuri li jagħmlu l-ħajja tal-bniedem dinjituża? Ma nafx għaliex, forsi għaliex illum il-materjali sar ħafna aktar importanti għalina, forsi għaliex nafu li aktar possibbli għalina li nakkwistawh, forsi għaliex dan kollu tefa' l-attenzjoni tagħna fuq il-materjali u b'konsegwenza nsejna dak li hu aktar essenzjali.

Nispiċċa billi nirreferi għal dak li kienet tgħid Santa Teresa tal-Bambin Ġesu`, li niċċelebraw il-festa tagħha fl-ewwel ta' Ottubru. Din kienet tgħid li biex nogħġbu lil Ġesu` ma għandniex bżonn nagħmlu affarijiet kbar, iżda għandna nagħmlu l-affarijiet żgħar tal-ħajja ta' kuljum b'imħabba kbira lejn Ġesu` u lejn l-oħrajn. Din hi sejħitilha "it-triq iż-żgħira", jiġifieri t-triq iż-żgħira li twassal għall-qdusija. Naħseb li dan il-parir ta' din il-qaddisa jgħodd għalina lkoll. Jalla bħal Marija l-fidi tagħna f'Alla ma tidhirx biss f'ċirkustanzi straordinarji iżda tkun fidi li tmexxi l-ħajja tagħna ta' kuljum. ♦



# Lectio Divina...




## *"Hienja dik li emmnet"*

**Lq 1, 45**

*minn Dun Anton Teuma*

### 1. Statio:

- *Qabel ma tibda titlob, mur fil-post fejn bi ħsiebek titlob u oqgħod bilqiegħda għal 3 - 5 minuti, biex il-ġisem jonqos fir-ritmu tiegħu. Aħseb dwar x'ser tagħmel. Ħejji ruħek biex tiltaqa' ma' Alla.*

- *Inżel għarkubbtejk, rodd is-salib u pprova idħol fil-preżenza ta' Alla. Hu diġa` qiegħed hemm! Kemm tinduna li qiegħed hemm!*

- *Itlob bil-mod it-talba tal-Missierna. Tinsiex titlob maħfra ta' ħtijietek. Itlob lill-Madonna, il-Mara tal-Kelma, biex tidħol għalik quddiem Binha u biex bħalha tiftaħ qalbek beraħ għal dak li jrid jgħidlek il-Mulej.*

### 2. Lectio:

*Qum bilwieqfa u aqra bil-mod s-silta tal-Iskrittura: Lq 1,39-45. Ikun aħjar jekk taqraha darbtejn.*

### Tifsir tas-silta:

- "*F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet...*" (Lq 1,39-40): It-tqala ta' Eliżabetta kienet is-sinjal tal-preżenza tad-divin fit-tħabbira lil Marija. L-għaġla turi l-ubbidjenza immedjata ta' Marija għall-kliem tal-anġlu. "*U David ġama' l-aħjar nies ta' Iżrael, tletin elf ruħ. Imbagħad David qam u telaq bil-poplu kollu miegħu biex italla' minn hemm l-arka ta' Alla, li ġġib l-isem tal-Mulej tal-eżerċti, li qiegħed fuq il-kerubini. U għabbew l-arka ta' Alla fuq karru ġdid u ġarrewha mid-dar ta' Abinadab, li kienet fuq l-għolja*" (2 Sam 6, 1-3).

- "*Daħlet għand Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha*" (Lq 1, 40-41a): Il-"*Hienja li emmnet*" (Lq 1,45) tidħol fid-dar ta' dak li

"*ma emminx il-kliem tal-anġlu*" (Lq 1,20) għalkemm ismu kien "*Alla jiftakar*".

- Marija kienet "*partenon*", xebba, u Eliżabetta kienet sterili. Alla juri l-qawwa tiegħu sewwa sew fejn hemm id-dgħajjef (1 Kor 1,25). Fit-Testment il-Qadim niltaqgħu ma' diversi nisa sterili li ġew magħżula għal missjoni kbira. Sara, mart Abram, u li minna twieled Iżakk, Anna omm Samwel, Rakel il-mara maħbuba minn Ġakobb, omm Ġużeppi u Benjamin. Bħal dawn in-nisa kienet Eliżabetta, omm Ġwanni. Alla jibni l-proġetti tiegħu fuq id-dgħufija tal-bniedem. "*Ulied ma kellhomx, għax Eliżabetta ma setax ikollha, u t-tnejn kienu mdaħħlin fiż-żmien... it-tnejn kienu nies ġusti quddiem Alla u jimxu bla nuqqas ta' xejn skond il-preċetti u l-kmandamenti tal-Mulej*" (Lq 1,6-7). L-isterilita`, il-verġinita`, m'humiex għajr wisa', vojt fil-qalb, post fejn jista' jgħammar Alla.

- "*It-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha*": Marija, Eliżabetta, Ġwanni fil-ġuf ta' ommu, ilkoll jimtlew bil-ferħ u bl-Ispirtu s-Santu. Imbagħad, wara, Żakkarija, ir-rgħajja, Xmuni u Anna. Hekk kien qal l-anġlu lil



Żakkarija: "*U jimtela bi spirtu qaddis sa min ġuf ommu*" (Lq 1,15). Aktar tard, f'Pentekoste, kull min jemmen jimtela bl-Ispirtu s-Santu u bil-ferħ. Ġwanni juri lil Eliżabetta li t-tarbija li hemm fil-ġuf ta' Marija hija l-Mulej li għandu jiġi.

- "*U nfexxet f'għajta kbira u qalet: Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?*'" (Lq 1,42-43): Hekk il-poplu ta' Iżrael laqa' l-arka tal-patt. "*U David qiegħed xi wħud mil-Leviti għas-servizz quddiem l-arka tal-Mulej biex ifakkru, iroddu l-ħajr, u jfaħħru lill-Mulej, Alla ta' Iżrael.*" (1 Kron 16,4; fr 16,5.42; 2 Kron 5,13). Luqa jqiegħed f'xofftejn Eliżabetta espressjoni li kienet tingħad għan-nisa eroj tal-TQ, u jpoġġi dan kollu f'kuntest liturġiku. "*U Għużżija qalilha: Imbierka int, binti, minn Alla l-Għoli, imbierka fost in-nisa kollha tad-dinja...*" ( Dt 13,18). F'dan kollu jinstama l-eku tal-qima li kellha l-Knisja tal-bidu lejn Marija. L-espressjoni ta' Eliżabetta tixbah lil dik ta' David: "*Kif jista' jkun li l-arka tal-Mulej tidħol għandi?*" (2 Sam 6,9), għalkemm hawn il-kuntest m'hux wieħed ta' biża' iżda ta' qima u meravilja.
- "*Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ*" (Lq 1,44): Eliżabetta tirrakkonta l-esperjenza interjuri tagħha lil Marija. Komunikazzjoni pożittiva għandha l-qawwa li tiftaħ il-qalb u tagħti liberta` lill-persuna.
- "*Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej!*" (Lq 1,45): Il-kobor ta' Marija jinsab fil-fatt li hi għamlet il-wisa' fiha biex tkun tista' tgħammar il-Kelma. Din il-Kelma saret laħam f'Ġesu`. Dan kollu jista' jiġri fid-dixxiplu: "*Waħda mara għolliet leħinha min qalb il-folla u qaltlu: Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt!'. Iżda hu qalilha: 'Imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jħarsuha!*'" (Lq 11,27-28). Huwa neċessarju li d-dixxiplu jkollu l-atteġġjament ta' Marija ta' Nażaret u Marija ta' Betanja, li "*niżlet bilqiegħda f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qiegħed jgħid*".

## 3. Meditatio

- Marija tisma' l-Kelma ta' Alla permezz tal-Anġlu u tfittex tpoġġiha fil-prattika billi "*tħaffef lejn l-għoljiet*". Il-Kelma ta' Alla li tibqa' ħoss mingħajr ma ssir azzjoni tmut.
- B'differenza minn Żakkarija, Marija tafda fil Kelma li semgħet. Żakkarija għandu bżonn "*jiskot*" biex jisma' u jafda f'Alla li jkellmu.
- Alla għandu bżonn tal-wisa' fil-qalb tal-bniedem. Marija hija "*verġni*", vojta, biex tagħmel il-wisa' għaliH. Id-dixxiplu jista' jara f'kull vojt li jġarrab f'ħajtu aktar wisa' għall-Ħallieq.
- Meta fil-qalb tal-iben hemm it-tifkira tal-persuna u tal-imħabba tal-Missier, il-bniedem ikollu fih l-Ispirtu s-Santu flimkien mad-doni u l-frottijiet kollha tiegħu.
- Fil-ħajja ħafna huma d-diffikultajiet u l-isfidi. L-hena ma jiġix mis-saħħa fiżika, mis-saħħa mentali jew mis-saħħa finanzjarja. L-hena veru jiġi mill-fiduċja sinċiera fil-Missier.

## 4. Oratio

Itlob ma' Marija t-talba sabiħa tal-*Magnificat*. Ipprova aqra l-istorja tiegħek f'dan l-innu. Faħħar lill-Mulej għal dak li qed jagħmel miegħek. Itolbu d-don tal-umiltà biex tkun tista' toqgħod attent, tisma' u tpoġġi fil-prattika l-Kelma tiegħu.

## 5. Contemplatio

Fit-talb ingħaqad ma' Marija u idħol f'intimità profonda ma' Ġesù ħaj fil-ġuf tagħha. Int ukoll tiled lil Ġesù kull meta l-Kelma ssir ħajja fik.

## 6. Actio

Min jisma' l-Kelma ta' Alla u ma jagħmilhiex jixbah lil raġel iblah li bena daru fuq ir-ramel. Min jisma' l-Kelma ta' Alla u jagħmilha jixbah lil raġel għaqli li bena daru fuq il-blat. Poġġi fil-prattika l-Kelma li Alla ilu jsemmagħlek... u inti s'issa ma tantx tajt widen. ♦

# Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona fis-Santwarju ta' Pinu

*mir-restawratur Godwin Cutajar*


Rit. 1

## Storja u Teknika:

Il-pittura *Tfittxija ta' Kristu* (120cm X 97cm, rit. 1 u 2) ta' Emvin Cremona hi magħmula fuq it-tila. It-tila għandha strat preparatorju abjad bħala *undercoat* t'għamla industrijali. Fil-biċċa l-kbira hi maħduma b'velaturi opaki u kultant b'żebgħa iktar ħoxna; f'ħafna partijiet l-istrati tal-preparazzjoni u ż-żebgħa huma tant irqaq li n-nisġa tat-tila għadha tidher fuq il-pittura. Iż-żona tas-sema hi mpittra bil-porporina lewn id-deheb. Jidher li Cremona pitter xi partijiet direttament fuq il-porporina, u dan jista' jfisser li l-kompożizzjoni kien jibniha u jibdilha waqt ix-xogħol, skond il-ħsieb kreattiv tiegħu.

In-naħa ta' wara din il-pittura fiha xi kitba ta' dokumentazzjoni:

- il-firma u s-sena ta' meta saret: "E.V. Cremona 1953 Malta" ħdejn ir-rokna leminija ta' fuq (rit. 3),
- "Ta' Pinu" bil-lapes kemm kemm tidher miktuba rasha 'l isfel vertikali ħdejn in-naħa leminija vertikali (rit. 4).

Il-pittura 'l hawn u 'l hinn fiha linji fini bojod, li donnhom saru b'ġibsa biex jindikaw aħjar xi trufijiet ta' forom impittra, u jista' jkun saru meta kien qed jinħadem il-mużajk (rit. 5).

Mal-perimetru l-pittura għandha burdura tila mhix impittra li tħalliet mill-artist biex tkun tista' tinġibed fuq tilar. Għalkemm il-pittura waslet sa żmienna mrambla, xi toqob żgħar u ksur f'din il-bordura juru li l-pittura fl-imgħoddi setgħet kienet miġbuda fuq xi sapport. Mill-bqija l-pittura ma jidhirx li kellha xi interventi ta' konservazzjoni u restawr qabel dan preżenti.

## Stat ta' Konservazzjoni:

L-istat ta' konservazzjoni ta' din il-pittura hu aċċettabbli. Il-pittura tilfet irqajja' ta' żebgħa u wkoll irqajja' mill-istrat preparatorju (*lacunae*), dan


Rit. 2



Rit. 3


Rit. 4



GRAZZI LIL BANK OF VALLETTA LI QED JIFFINANZJA



Rit. 7

l-iktar qrib ir-rokna xellugija ta' fuq (rit. 6a u 6b). It-tila wkoll tilfet mill-elastiċita tagħha. Il-pittura kienet imrambla tul id-daqs il-qasir; seta' xi darba tpoġġa fuqha xi piż tqil, u għalhekk kemm it-tila u kemm iż-żebgħa għandhom xi ksur tul din in-naħa. Fiha wkoll xi deformazzjonijiet strutturali imma ma tantx jidhru. Iż-żebgħa l-iktar qrib ir-rokna leminija t'isfel fiha tbajja' bajdanin.

Il-plttura għandha xl trab ħaflf ll nġabar fuqha maż-żmien u n-naħa ta' wara għandha wkoll tiben imqabbad max-xkora.

## Konservazzjoni u Restawr:

It-trab u t-tiben in-naħa ta' wara tal-pittura ġew imfarfra b'pinzell.

Kien meħtieġ li l-ewwel tissaħħaħ il-qagħda strutturali tal-pittura. Għalhekk ix-xkora tal-pittura ġiet imsaħħa b'konsolidant termoplastiku mogħti fuq in-naħa kollha ta' wara. Il-perimetru tal-*lacunae* ġie wkoll imsaħħaħ u inkullat b'konsolidant



Rit. 5



Rit. 6a



Rit. 6b



termoplastiku mas-sapport ħalli ma tintilifx iktar materja pittorika. Il-pittura mbagħad ġiet miġbuda fuq tilar tal-injam b'ġonot espandibbli bil-kavilji.

Wara li saru l-provi tat-tindif in-naħa l-impittra ġiet imnaddfa b'sistema mekkanika u kimika. Il-linji bojod ma tantx jagħtu fil-għajn u għalhekk tħallew. It-tbajja' taż-żebgħa ma jidhirx li huma riversibbli u anqas jistgħu jitneħħew.

Dwar il-mili tal-*lacunae* kellha ssir għażla fejn jimtela u kif biex dan l-intervent jgħin u mhux itellef mid-dehra magħquda ta' din il-pittura:

- għall-biċċa l-kbira tal-*lacunae* l-kuntest kien jindika kif kienu u għalhekk imtlew b'żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi opaki (*inpainting*), dawk bl-istrat preparatorju nieqes ukoll huma iktar fondi u għalhekk ġew l-ewwel mimlijin bi stokk;
- il-*lacunae* fl-isfond tal-porporina ġew mimlija b'taħlita ta' żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi trasparenti ftit iżjed ċara mill-kuntest (*a sotto tono*).
- fir-rokna xellugija ta' fuq il-*lacunae* kienu kotrana u qrib wisq ta' xulxin u ma kienx ħafif li jimtlew b'mod "nadif", għalhekk tħallew kif inhuma bix-xkora tidher.

It-tbajja fiż-żebgħa ma tantx itellfu u għalhekk ma sar xejn iktar fuqhom.

Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr inbeda fi Frar u tlesta f'Novembru 2008. Tul il-perimetru l-pittura twaħħlitilha lista wiesgħa 1.3ċm tal-injam bil-varniċ biex tgħatti t-tila mitwija u l-imsiemer.

## Konservazzjoni Preventiva:

Il-pittura kkonservata u rrestawrata (rit. 7) ddendlet fis-sagristija u mużew tas-Santwarju Ta' Pinu. Il-pittura għandha tkun ventilata, m'għandhiex tixxarrab, u għandha tkun osservata kull sitt xhur fuq quddiem kif ukoll fuq wara ħalli jsir intervent ta' konservazzjoni u restawr minnufih jekk maż-żmien tkun qed issirilha xi ħsara. ♦

# Pellegrini ma' Marija:
## *fil-ħajja ta' kuljum*

**_mill-Arċ. Carmelo Refalo_**

Jekk trid issir tixbah lil xi persuna trid timxi fuq il-passi tagħha, timitaha u tafdaha bħala gwida ċerta. Li ssir tixbah lil Marija fil-ħajja ta' kuljum ifisser (fi kliem it-teologu Karl Rahner) li tnissel mill-ġdid l-ordni intern tal-ħajja ta' din il-persuna f'kull sitwazzjoni li tiltaqa' magħha u tkun kapaċi tgħaddiha minn persuna għal oħra.

### • *Nixbhuha fil-Fidi*

Kif nistgħu nimitaw lill-Madonna, l-Omm t'Alla? Dan mhux biss huwa possibbli, imma



l-Missirijiet tal-Knisja Origene u Santu Wistin niżlu aktar fil-fond f'dan il-ħsieb u stqarrew: "*X'kien ikun jiswa t-twelid ta' Kristu minn Marija f'Betlehem, jekk Kristu ma' jitwilidx mill-ġdid bil-fidi fir-ruħ?*"[1] Kien Ġesu` nnifsu li taha t-titlu ta' Omm lill-Knisja biex tkun tista' timitaha meta qal: "*Ommi u ħuti huma dawk li jisimgħu l-Kelma t'Alla u jagħmluha*".[2] Meta jiġi biex jikkummenta dwar dan Santu Wistin jikteb: "*Aħna lkoll aħwa fi Kristu, irġiel u nisa, aħwa ta' Kristu. Imma kif nistgħu nkunu ommijiet ta' Kristu? Ejjew insejħu lilna nfusna 'ommijiet ta' Kristu'. Jien sejjaħtilkom aħwa ta' Kristu, issa nsejħilkom ommijiet ta' Kristu. Dan qalu Kristu nnifsu u jien ma nistax niċħdu. Araw kif il-Knisja hi l-għarusa ta' Kristu. Araw kemm hu aktar diffiċli narawha bħala l-omm ta' Kristu. Minkejja dan, dan huwa minnu. Dan huwa veru - li Marija hija ta' figura tal-Knisja. Kif tista' Marija ma tkunx omm il-Knisja ladarba hija tiled ulied għall-Knisja. Intom membri ta' Kristu. Lilkom min wilidkom? Nismagħkom twieġbu bil-vuċi ta' qalbkom: 'Il-Knisja omm'. Din l-omm onorabbli li tagħti l-ħajja hi wkoll verġni għax il-membri tal-Knisja jagħtu l-ħajja fl-Ispirtu preċiżament bħalma ġara f'Marija; bil-qawwa tal-Ispirtu hija wildet lil Ġesu`. Marija u l-Knisja huma omm waħda u ommijiet ta' ħafna. Meta timita lil*



*Marija r-ruħ li temmen b'fidi sħiħa tiled lil Kristu".*[3]

## • *Nimitawha fl-imħabba*

Il-liberta` tal-għażla li l-bniedem jista' jagħmel tpoġġih f'diversi sitwazzjonijiet li fihom irid jagħżel li jħobb lil Alla liberament. Kif jgħid Nikola Kabasilas: "*Mingħajr Marija, mingħajr l-għażla u t-tweġiba libera tagħha Alla ma setax jinkarna. L-IVA ta' Marija m'hix għajr il-kundizzjoni neċessarja biex tinfetaħ it-triq għall-ġrajja tal-Inkarnazzjoni. Marija 'tat permess' lit-tieni Persuna tat-Trinita` Qaddisa biex tilbes in-natura umana u ssir bħalna. Marija l-ewwel tisma' l-kelmiet ta' Kristu u mbagħad tħarishom fil-qalb tagħha. Kif insibu fl-ewwel ittra ta' San Pietru, jiġifieri, li aħna nistgħu nieħdu sehem min-natura ta' Alla. Fi kliem Sant'Irinew Alla sar bniedem biex il-bniedem isir Alla*".[4]

Meta niddeċiedi li nħobb fil-verita` nkun qiegħed mill-ġdid bħal Marija ninkarna l-imħabba fid-dinja u fil-qlub tal-bnedmin.

## • *Timliena bit-tama*

Fit-tmiem ta' dan l-artiklu qed nipproponi żewġ testi Patristiċi li jħaddnu l-verita` marbuta mal-virtu` tat-tama. Fejn waslet Marija nistgħu naslu aħna lkoll.

a) L-ewwel silta hi meħuda mil-Liturġija Biżantina u titkellem dwar id-daħla ta' Marija fis-sema. "*X'għaġeb kbir qed iseħħ illum: Marija, l-għajn tal-ħajja, titpoġġa fil-qabar u l-istess qabar qed isir sellum li jwassal għas-sema. Ifraħ, o Ġetsemani, għamara qaddisa tat-Teotokos! Sellmilha, poplu t'Alla. Sellmilha int, Gabrijel: 'O mimlija bil-grazzja, sliem! Il-Mulej miegħek. Alla jwassal lid-dinja permezz tiegħek, o Marija, il-ħniena divina'. U aħna flimkien mal-ġenerazzjonijiet kollha nsejħulek hienja ma' kull nisel tal-lum u tal-ġejjieni*".[5]

b) San Ġerman ta' Kostantinopli fid-diskors tiegħu dwar id-dormizzjoni ta' Marija jgħid: "*Meħlusa mit-taħsir l-Iben ħadha ħdejh, imtellgħa s-sema, u sejħilha għall-post tal-henjin*".[6] Marija tinsab fis-sema imma qalbha tinsab fuq l-art biex tqawwina u fuq l-eżempju tagħha nimxu lejn is-sema pajjiżna.

Il-ħajja liturġika li takkompanjana s-sena kollha turina kemm il-Knisja, bħala ikona ta' Marija, tgħinna biex insiru nixbhu lil din l-Omm fil-fidi, fit-tama u fl-imħabba. ♦

### Riferenzi


1 ORIGENE, *Kummentarju għall-Vanġelu ta' San Luqa*, S. Ch. 87, 302.
2 Luqa 8, 21.
3 SAINT AUGUSTINE, *Sermons*, 72A (*Miscellanea Agostiniana*, 1, 164).
4 AAVV NIKOLA CABASILAS, *E' la divina liturgia*. Editore Qiqajon Edizione, 47.
5 ĠORĠ GHARIB, *La Madonna nell'anno Liturgico Bizantino*, Roma 1972, 135-137.
6 GERMANO DI COSTANTINOPOLI, *Discorso prima sulla dormizione*, 12.






# L-Arti Simbolika fis-Santwarju Ta' Pinu

minn Dun Joseph Bajada

## L-Għaxar Pannelli

Jekk nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-għaxar pannelli tal-mużajk li qed iservu bħala kuruna għall-istatwa li qiegħda fin-nofs, ninnutaw li huma maqsumin f'żewġ reġistri; in-naħa ta' fuq id-dinja tal-flora, pjanti, siġar u fjuri li l-karatteristiċi tagħhom huma mqabbla ma' xi virtujiet ta' Marija.

- Hekk is-siġra tal-**platinu** hija siġra li ġeneralment tikber ħdejn ix-xmara, tikber madwar 50 metru. Din is-siġra hija magħrufa għal kobor tagħha u għal ħajja twila tagħha. Jeżistu siġar li għandhom aktar minn 500 sena ħajja. Minħabba dawn il-karatteristiċi s-siġra tal-platinu hija figura tal-Verġni Marija. Marija issib fi Kristu il-kobor tagħha għaliex huwa l-għajn ta' ilma ħaj. Marija hija maqgħuda miegħu l-ħajja tagħha hija waħda bla tmiem, u tinsab tgawdi il-ħajja eterna bir-ruħ u bil-ġisem fil-glorja tas-sema.
- Is-sbuħija **taż-żebbuġa** li minnha jsir iż-żejt tfakkar li frott il-ġuf ta' Marija huwa d-dawl tad-dinja (ara Ġw 1, 1-18; 3, 19-21; 8, 12) li s-sagrifiċċju tiegħu huwa patt ġdid ta' għaqda u sliem bejn Alla u l-bnedmin kollha (ara l-ħamiema ta' Noe` b'werqa friska taż-żebbuġa f'munqarha, Ġen 8, 11).
- Il-kobor ta' Marija huwa mxebbah mas-**siġra taċ-ċedru**, magħrufa għat-tul u l-qawwa tagħha, għaliex Marija hija wkoll il-mara ġusta, kbira u mħawla f'dar il-Mulej (ara Salm 92, 13-14).





















- M'hemmx warda li tista' tfisser aħjar is-safa u l-verġinita` ta' Marija jekk mhux **il-ġilju-liljum** abjad.
- U m'hemmx siġra li tista' tfisser aħjar ir-rebħiet ta' Marija, jekk mhux **il-palma**.
- Il-fwieħa tal-**kannella** tesprimi l-milja ta' grazzja li l-Mulej għoġbu jżejjen biha lil Marija.
- Il-ħmura tal-**warda ta' Ġeriko** fil-lingwaġġ floreali Nisrani tfisser l-imħabba unika li biha Alla ħabb lil Marija, magħżula minnu biex tkun Omm ibnu.
- **Iċ-ċipressa** li sa mill-qedem kienet titħawwel qrib il-fdalijiet tal-mejtin hija simbolu tal-ħajja ta' dejjem, tal-immortalita` li qed tgawdi Marija u li lejha resqin ilkoll kemm aħna.
- **Il-mirra** mogħtija minn wieħed mill-Maġi (ara Mt 2, 11), bil-qrusa u l-kwalitajiet kurattivi tagħha, tfakkar fid-duluri ta' Marija li flimkien mas-sagrifiċċju ta' binha Ġesu` mmeritaw is-salvazzjoni tal-bnedmin kollha.
- Fl-aħħarnett **id-dielja għammiela** hija xbieha ta' Marija, l-inbid ġdid ta' hena, il-kawża tal-ferħ tal-festa tat-tieġ tal-Ħaruf li ma tintemm qatt (ara Ġw 2, 3-5; Apk 19, 5-10). ♦











# Il-Qalb tal-parroċċa tal-Imsida

**adattata għall-istampa minn Marija Sultana**

*Nota tar-rettur D. Gerard Buhagiar: Dan l-aħħar waqt li Anthony Grech kien qed jagħmel xogħol volontarju ta' tindif u sistemar ġdid tal-"**Ex Voto**" qodma tas-santwarju tagħna, f'waħda mill-qlub ċkejknin li ġew offruti lill-Madonna Ta' Pinu, sab din l-ittra li qed inġibu għall-attenzjoni tagħkom. Din il-qalb ġiet offruta lill-Madonna Ta' Pinu fi tmiem pellegrinaġġ li sar mill-parroċċa tal-Imsida. Kif juru l-ismijiet f'din il-kitba, kienu ħadu sehem 126 raġel, fosthom erba' saċerdoti. Aktarx li dan il-pellegrinaġġ kien immexxi mis-saċerdot Andre` Debono. Ħasra li fl-ittra ma hemmx id-data ta' meta sar dan il-pellegrinaġġ. Imma billi f'din l-ittra l-pellegrini jitolbu għall-Papa Ljun XIII li miet f'Lulju tal-1903 u għall-Arċisqof ta' Malta Pietru Pace, li sar arċisqof ta' Malta fis-sena 1889, żgur li dan il-pellegrinaġġ sar bejn is-snin 1889 - 1903. Bla dubju ta' xejn din l-ittra hija xhieda qawwija tal-imħabba tal-poplu Malti lejn il-Madonna Ta' Pinu, u f'dan il-każ tal-parruċċani tal-Imsida. L-ittra, li turi l-iskop li għalih sar dan il-pellegrinaġġ, hi talba ta' konsagrazzjoni lill-Madonna Ta' Pinu li tgħid hekk:*

"**Lir-Reġina tas-sema u tal-art, o Omm t'Alla, u tagħna**, inti li inti il-Bint primoġenita tal-Etern Missier, l-Omm vera tal-Iben u l-Għarusa tal-Ispirtu s-Santu, l-eqreb lejn Alla u wara Alla tista' kollox, inti li f'dan is-santwarju għoġbok bil-grazzji li tferra' turina kemm huwa għal qalbek li nirrikorru lejk u nitolbuk, u qiegħda tistieden minn kullimkien l-ulied u d-devoti tiegħek biex jiġu hawn jivvenerawk, ħares nitolbuk ħarsa ta' ħniena lejna, li mill-parroċċa tal-Imsida nġbarna f'pellegrinaġġ devot taħt l-għuda tas-Salib Imqaddes bil-lodi u t-talb tar-Rużarju SS. tiegħek ikkontinwat, ġejna hawn f'riġlejk sabiex nitolbuk li teħodna taħt il-mant tal-protezzjoni partikulari tiegħek biex inkunu kkonsagrati b'mod speċjali lilek, biex mingħandek naqilgħu l-grazzji kollha li jinħtiġulna għar-ruħ u għall-ġisem, fiż-żmien u f'eternita` għalina u għal tant oħrajn li rrikkmandaw irwieħhom fit-talb tagħna.

O Verġni SS., o Omm maħbuba tagħna Marija, **aħna nixtiequ li inti teħodna taħt il-protezzjoni partikulari tiegħek.** Huwa veru li dan ma jistħoqqilniex għaliex aħna midinbin ħżiena u xellerati, offendejna bosta bl-aħrax lil Alla u lilek, iżda huwa veru wkoll li inti l-avukata u r-rifuġju tal-midinbin, u li inti trid issalvahom, u l-midinbin permezz tiegħek jaqilgħu l-indiema, il-maħfra u s-salvazzjoni. **Ħudna taħt idejk, ixħet fuqna l-mant tal-protezzjoni tiegħek,** uri li inti tista' kollox,



agħtina ndiema kbira ta' dnubietna, aqlgħalna l-maħfra tagħhom, iġbdilna qalbna lejn Alla, iddistakkana mill-ħwejjeġ tal-art, żejjinna b'fidi ħajja, tama qawwija, imħabba fervoruża u permanenti t'Alla, u bil-virtu` kollha neċessarji għas-salvazzjoni tagħna. Jekk trid inti, tista' tqaddisna, tista' ssalvana.

**Aħna rridu wkoll inkunu b'mod kollu speċjali tiegħek,** li mil-lum 'il quddiem ngħixu għalik u għall-imħabba tiegħek, ħsibijietna, ix-xewqat tagħna, il-kliem, l-operat tagħna, ħajjitna kollha tkun tiegħek, tkun għalik, tkun għall-imħabba u s-servitu` fidila tiegħek, u **ġewwa din il-qalb ma' isimna nħallu qalbna biex tkun dejjem ġewwa l-Qalb SS. tiegħek.** Il-grazzji li aħna nitolbuk huma dawk li jirrigwardjaw ir-ruħ tagħna u l-eternita`. Żejjinna b'dawl ċar tal-ħwejjeġ tas-sema, erfgħalna qalbna lejn il-ħwejjeġ t'Alla, agħtina l-forza li negħlbu t-tentazzjonijiet kollha tal-ġisem, tad-dinja u tad-demonju, u nirkbu lilna stess u ngħixu skont il-Qalb SS. ta' Ġesu` Ibnek. Inti li taf iżjed minna x'inhuma l-bżonnijiet u n-neċessitajiet tagħna temporali, taf liema huma l-grazzji li għandna bżonn għalina u għall-familji tagħna. Inti li tista' kollox, aqlgħalna l-grazzji kollha li għandna bżonn u li nitolbuk sabiex nistgħu dejjem infakkruk u ngħidu li kull min irrikorra lejk stagħna bil-benifiċċji tiegħek.

Nitolbuk, o Marija Omm tagħna, **għall-Missier tagħna l-Papa Ljun XIII** f'dawn iż-żminijiet tal-iktar kbira battalja. Agħtih dawk il-grazzji kollha li jeħtieġ biex jiggverna l-Knisja ta' Ġesu` Ibnek. Nitolbuk għall-**Pastur tagħna Pietru Pace**. Agħtih, o Marija, dak id-dawl, dik l-għajnuna, dak il-kuraġġ sabiex jagħraf irieġi l-merħla tiegħu li fdalu Kristu. Ikkonsolah fil-kenn u l-pwieni li fihom jinsab. Nitolbuk għall-iżola tagħna, Malta. Biegħed, o Marija, minnha l-ispirtu tal-ħażen u tas-setta, u agħmel li fiha tibqa' intatta l-fidi u tikbes bid-devozzjoni u l-imħabba vera lejk. **Nitolbuk għall-għedewwa tal-Knisja ta' Ġesu` Ibnek**. Agħtihom id-dawl, għarrafhom l-iżbalji tagħhom, ibdlilhom il-fehmiet ħżiena tagħhom, erġa' mill-ġdid daħħalhom bħala n-nagħaġ fil-merħla ta' Kristu. Salva, o Marija, salva mill-ġdid id-dinja bħalma salvajtha drabiet oħra. **Nitolbuk għall-episkopat Kattoliku, għas-saċerdoti** kollha sabiex jagħrfu jikkumbattu l-gwerra tiegħek, jiddefendu dejjem il-Knisja, ikabbruha, ixerrduha, iqaddsu l-erwieħ u jsalvawhom.

Nitolbuk għal **dawk li rrikmandaw irwieħhom f'dan il-pellegrinaġġ tagħna** u fil-bżonnijiet li fihom jinsabu hennihom bil-grazzji tiegħek biex jistgħu ġurnata jiġu jirringrazzjawk fis-santwarju maħbub tiegħek. Nitolbuk għall-midinbin aħwa tagħna, li fit-triq tal-ħażen sejrin jiġru biex imorru mitlufa għal dejjem. Aqlgħalhom, o Marija, grazzja ta' forza hekk kbira li huma jikkonvertu u jibqgħu magħna jħobbuk u jiġu jonorawk. Nitolbuk għall-poplu Nisrani biex ikun imwettaq fil-fidi u jagħraf iħobb u jservi lil Alla, u jibqa' fidil dejjem lejn il-Knisja Kattolika. Nitolbuk għall familji tagħna sabiex tbegħidhom minn kull deni, tagħnihom b'kull ġid u tagħmel li huma jgħixu bl-ispirtu tar-reliġjon.

Dawn il-grazzji kollha u oħrajn li ma nafux nitolbuk, agħmel, o Marija, li aħna naqilgħuhom minn għandek biex **ġurnata jkollna s-sabiħa xorti li niġu nirringrazzjawk għalihom f'dan is-santwarju tal-grazzji tiegħek**. Fl-aħħarnett

nitolbuk, o Marija, l-aħħar grazzja u l-aktar għażiża għalina, li aħna nagħmlu mewta tajba u qaddisa, assistita minnek f'agunija, u l-aħħar kelmiet u ħsibijiet tagħna jkunu diretti għalik, niġu nirringrazzjawk, inħobbuk u ngawduk fis-sema. **U b'sinjal li dan nixtiequ u dan irridu, aħna hawn miktuba lkoll nitolbuk u isimna rridu li f'kull nifs li nieħdu fil-ħajja jkun it-talba:** ***Marija, ismagħna, Marija ilqa' t-talb tagħna.***

**Saċ. Andre` Debono**
Saċ. George Scicluna
Saċ. Carmelo Mifsud
Saċ. Francesco Zahra
Georgio Pace
Carmelo Borg
Giuseppe Grech
Pio Scicluna
Paolo Mifsud
Eduardo Mifsud
Giuseppe Aguis
Salvatore Zerafa
Emanuel Mifsud
Lorenzo Gouder
Carmelo Vella
Giovanni Pace
Carmelo Aquilina
Pietro Micallef
Spridione Vassallo
Salvatore Galea
Carmelo Genovese
Noe' Mercieca
Mario Callejja
Francesco Vella
Salvatore Zerafa
Luigi Zahra
Andrea Bugeja
Agostino Zahra
Carmelo Zammit
Antonin Pace
Emmanuele Sciberras
Nicola Pace
Giovanni Zerafa
Loreto Gallo
Felice Pace
Paolo Callo
Paolo Xuereb
Giobattista Borg
Vincenzo Aquilina
Salvatore Borg
Felice Farrugia
Carmelo Bajada
Angelo Pace
Paolo Debono
Carmelo Troisi
Giuseppe Debono
Andrea Farrugia
Michele Micallef
Giovanni Brincat
Giuseppe Gauci
Lorenzo Farrugia
Giuseppe Mamo
Emanuel Farrugia
Salvatore Mamo
Giobattista Dalli
Aloysio Camillieri
Alfredo Lupi
Giovanni Micallef
Lorenzo Bartolo
Benjamino Tornell
Giovanni Rizzo
Spiridione Cassar
Carmelo Deluca
Gioacchino Pace
Guiseppe Zerafa
Antonio Cassar
Angelo Camillieri
GioMaria Attard
Salvatore Catania
Clemente Monsignior
Rosario Aguis
Felice Caruana
Giovanni Aquilina
Giuseppe Vella
Nicola Zerafa
Giovanni Schembri
Carmelo Aguis
Mario Williemse
Guiseppe Spiteri
Giorgio Fenech
Carmelo Pace
Salvatore Aguis
Arturo Caruana
Francesco Aguis
Giuseppe Attard
Emanuele Aguis
Giuseppe Gallo
Antonio Zerafa
Giuseppe Busuttil
Gaetano Farrugia
Nicola Dimech
Publius Scicluna
Spriridione Aquilina
Angelo Mifsud
Alberto Barbara
Salvatore Debono
Grazio Micallef
Salvatore Formosa
Salvatore Gauci
Giuseppe Mizzi
Carmelo Catania
Salvatore Spiteri
Alfredo Catania
Giuseppe Farrugia
Carmelo Calleja
Salvatore Demicoli
Giovanni Robert
Giovanni Micallef
Filiberto Gouder
Giomaria Brincat
Carmelo Filletti
Angelo Saliba
Giuseppe Genies
Giuseppe Callejja
Alfredo Cortes
Antonio Mizzi
Giorgio Debono
Alfredo Debono
Luigi Cassar
Carmelo Cauchi
Orazio Camillieri
Crocefisso Cassar
Antonio Cieni
Luigi Grech
Salvatore Gerardi
Carmelo Debono
Francesco Gaffiero ♦

English Corner



# Mary and our journey in Ordinary Time

Rev. Emanuel Magro

***"During those days Mary set out and travelled to the hill country in haste to a town of Judah, where she entered the house of Zechariah and greeted Elizabeth. When Elizabeth heard Mary's greeting, the infant leaped in her womb, and Elizabeth, filled with the holy Spirit, cried out in a loud voice and said: 'Most blessed are you among women, and blessed is the fruit of your womb. And how does this happen to me, that the mother of my Lord should come to me? For at the moment the sound of your greeting reached my ears, the infant in my womb leaped for joy. Blessed are you who believed that what was spoken to you by the Lord would be fulfilled'... Mary remained with her about three months and then returned to her home"*** (Lk 1:39-45,56).

Mary is pregnant! We have a new mother! What great news! There is new life. The angel disclosed to her that God has chosen her to be the mother of Jesus. She could not understand this particular calling. Yet, she believed and accepted God's invitation to be the mother of the Saviour. She seems to have convinced herself of this summons when the angel informed her that Elizabeth, her relative, who was barren, is now with child and already in her sixth month (see Lk 1:36).

She goes to Elizabeth and spends the first few and crucial months of her pregnancy at Elizabeth's house. She lives with her relative's family. She, who is barely pregnant, offers her help to the well advanced pregnant Elizabeth. They share family life. They go through the routine of everyday living: waking, washing, cooking, working, eating, talking, playing, singing, sleeping. At times life gets boring, tedious, repetitious. Yet, in the ordinariness of everyday living their children were growing inside their wombs.

Both Mary and Elizabeth were having a new experience. Mary who knew no man was now carrying a new life; Elizabeth who knew man but could not conceive was too with child. Their pregnancy set them on a journey of discovery., Their body was adjusting itself to accommodate and nourish the new life growing in their womb. Changes occurred silently but surely. At times these changes were barely noticeable but surely felt. As their time of confinement drew near, their body prepared itself for the birth as well as for the nourishment of the new child.

The seemingly ordinary course of the forty weeks of pregnancy is definitely an exciting period of time. A child is silently growing in the womb. Jesus as an unborn child felt sheltered in the womb. He found all that was necessary develop into a human being. He experienced the ordinariness of his mother's everyday life. He was quiet and yet made his presence felt. He was silent and yet spoke in different ways. He moved and kicked in the womb. He was of his mother's life, hidden and protected. He felt exposed to all the dangers of life. He sanctified the beginnings of human life. He rendered holy human pregnancy.

Mary's and Elizabeth's pregnancy involved not just their bodies but also their whole being. They felt blessed. They expressed their joyfulness as they met and greeted one another. Elizabeth acknowledged Jesus' presence in Mary's womb. Her own son rejoiced in the womb in the presence of Mary and of her son. Both mothers and children rejoiced in each other's presence. All this joy is the effect of a very simple ordinary event: the meeting of relatives visiting one another.

Mary's pregnancy is another step in the incarnation of the Son of God. This fact together with her visit to and stay with Elizabeth reveal that God is to be found in the ordinariness of everyday living. Mary carried Jesus wherever she went. She made him present wherever she was. The people who met her rejoiced in his presence. God was always present in every moment of her ordinary life. The ordinariness of her life became extraordinary. It was always filled with God's presence.

Ordinary human life is always and constantly a grace-filled life. The Church keeps reminding us of this truth throughout the rather long ordinary time of her liturgical year. It is called ordinary because during its course there is not a single celebration of a key moment of our salvation. It is similar to our ordinariness of everyday living. Sunday after Sunday we celebrate and express our faith. It can become laborious, boring and repetitious. There seems to be no excitement. Christian living is as usual.

Mary understands the tediousness of the ordinariness of our everyday Christian living. She invites us to consider this ordinary time of our liturgical year as a period of gestation like that of her pregnancy. She encourages us to reflect on our lives and notice the changes occurring in our daily living similar to the way that she noticed the changes in her body due to her pregnancy. She wants us to acknowledge that we carry Jesus in our lives. Wherever we go, we make Jesus present. We do not need to do extraordinary things to give witness for our faith. The ordinariness of our presence speaks for itself. It becomes a source of joy. God is with and in us.

Mary accompanies us in our journey through ordinary time. She attends to our needs like she did to Elizabeth's. She wants that ordinary time will be a time of preparation and reflection on the great mysteries of our salvation. Mary has already walked the path of faith. She will intercede for us.

Pregnant Mary, walk with us through the ordinariness of our everyday life! ♦

# Ħsibijiet Marjani



**mill-ktieb**
**ta' l-Isqof Don Tonino Bello**
**miġburin minn A.C.M.**




# Marija, il-Mara ta' ftit kliem

Dan it-titlu ta' hawn fuq joħroġ waħdu mill-virtujiet sbieħ li bihom kienet imżejna l-Omm tagħna tas-Sema, Marija Santissma.

Tabilħaqq Marija hija l-mara ta' ftit kliem.

a) L-ewwel nett kienet **tassew mara**. Għalkemm hi kienet "imbierka fost in-nisa" ma kontx tagħrafha min-nisa l-oħra. Kienet iġġib ruħha b'mod naturali bħan-nisa komuni.

b) U fuq kollox, **mara ta' ftit kliem:**
- mhux għax għandha x'taħbi jew ma tafx tesprimi ruħha,
- mhux għax hija timida, mistħija jew tbati biex tieħu deċiżjonijiet.

Marija żżomm lura u tibqa' fommha mitbuq għax hija mħarrġa fl-għerf tas-sema u midħla tal-Kelma t'Alla.

Hija taf iġġib ruħha ta' mara ġenwina, sinċiera u għaqlija, mara bla pożi, li taf tagħżel:
- **l-essenzjali** minn dak li hi **aċċidentali,**
- **l-awtentiku** minn dak li hu **fieragħ** u **falz.**

Kienet mara ta' ftit kliem, imma l-ftit kliem tagħha fih ħafna x'tixtarr.

"IVA". "*FIAT*". "AMMEN". Dan kien kliemha.

M'huwiex kliem fil-vojt bħal tagħna, bla sustanza ta' xejn. Kliemha huwa ftit, imma meqjus u jagħtik li timmedita fuqu. Kliemha huwa frott ta' riflessjoni u ta' skiet.

Tassew, tassew, Marija hija **Ikona ta' Skiet.**
- Hija ma tħobbx tiddandan.
- Ma tħobbx tippretendiha u tilgħabha ta' kbira.
- M'hijiex faħħarija.

Kliemha sempliċi, ħiereġ mill-qalb. Għalhekk lil Marija nixtiequha timxi pass pass magħna fil-mogħdijiet imwiegħra tal-ħajja u fl-istess waqt nitolbuha tgħallimna nagħmlu **sawma speċjali** ta' skiet.



## Talbiet

*Imqaddsa Marija,*
*mara ta' ftit kliem:*

- *Itlob għalina u ħenn għalina, morda kif aħna bit-tlablib, bit-tpaċpiċ u l-ftaħir.*
- *Sirna wisq lablaba u ħfief biex inpaċpċu, anki meta ma jkollna xejn ta' siwi x'ngħidu lil ta' madwarna.*
- *Sikwit nedhew f'diskors banali u fil-vojt bla ebda lġiem fuq ilsienna.*
- *Flok il-problemi nħolluhom x'aktarx nispiċċaw nikkumplikawhom billi noqogħdu nduru mal-lewża bil-kliem żejjed tagħna.*

*Imqaddsa Marija, mara ta' ftit kliem, itlob għalina midinbin.*

*Kliemna jimla lil fommna imma 'l qalbna jħalliha vojta.*

*Kliemna flok jgħaqqad u jġib is-sliem x'aktarx jifred, ikeskes u jġib il-firda.*

*Imqaddsa Marija,*
*mara ta' ftit kliem:*

*il-kobor tiegħek huwa marbat mas-sempliċi kelma "IVA" li għidt lill-anġlu Gabrijel.*

- *Għinna ħa nkunu bħalek, meqjusin fi kliemna.*
- *Tħalliniex naqgħu fit-tentazzjonijiet li niskru fil-paroli żejda.*
- *Ħares lil xofftejna mill-ftaħir żejjed.*

*U meta fl-aħħarnett lil Alla naċċettawh u ngħidulu "IVA, ikun li trid Int", qalbna għandha tfur bil-hena smewwija kif faret meta f'dirgħajk ħaddant lil Ġesu` tarbija...* ♦

*Ħajr lis-Sur Ġorġ Cassar*



# liem Għalik

*mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi*

# It-talba "Bieb tas-Sema"

**San Fortunatu Venanzju Isqof ta' Poitiers (c. 535 - 605)**



Twieled ħdejn Treviso, 'il fuq minn Venezja, u rċieva l-edukazzjoni tiegħu f'Ravenna, fejn studja l-liġi u r-retorika. Meta kellu qrib tletin sena kien kważi tilef id-dawl għal kollox, iżda fieq meta dilek għajnejh biż-żejt mil-lampier li kien jixgħel quddiem ix-xbieha ta' San Martin ta' Tours; dan il-fejqan hu kien iqisu bħala miraklu. Biex irodd il-ħajr lil San Martin huwa għamel vjaġġ lejn is-santwarju tiegħu f'Tours, fi Franza, u rnexxielu jaħrab mill-Italja ta' fuq ftit qabel ma kien hemm l-invażjoni tal-Longobardi.

Peress illi huwa kien jagħmilha tajjeb il-vjaġġ ma kienx wieħed diffiċli ħafna għalih u minħabba l fama tiegħu bħala poeta u skular sab diversi sinjuri li laqgħuh tul it-triq. Huwa ddeċieda li ma jerġax lura lejn l-Italja, fejn kien hemm ħafna gwerer, iżda fl-istess ħin ma kinitx ħaġa ħafifa għalih li jidra jgħix mal-Franki li kienu nies neqsin miċ-ċivilizzazzjoni.

Ir-reġina Radegunda, wara li ħuha qatel lil żewġha, is-sultan Klotaile I, sabet kenn fil-monasteru tas-Salib Imqaddes f'Poitiers. Il-badessa ta' dan il-monasteru, Anjeże, li kienet it-tifla adottiva ta' Radegunda, dehrilha illi Fortunatu, bniedem istruwit, ikun kappillan tajjeb għall-komunita` tagħhom, u għalhekk stednitu u huwa aċċetta l-istedina tagħha biex jidħol għal din ir-responsabbilta`. Huwa ġie ordnat saċerdot u sar mhux biss kappillan iżda wkoll ħabib, kunsillier u segretarju tagħha.

In-nies tal-kunvent, għad li ma kinux jgħixu f'ħajja laxka u lussuża għal kollox, kellhom il-kumditajiet kollha li kienu magħrufa dak iż-żmien, fosthom anke ġnien mnejn kienu jġibu ħafna mill-ikel tagħhom. Huma ttrattaw lil Fortunatu mill-aħjar li setgħu. L-ambjent tal-kunvent, li kien fih il-fdal tal-imperu Ruman, kien qisu oasi ċivilizzata f'nofs deżert ta' bnedmin neqsin miċ-ċivilizzazzjoni.

Venanzju kien familjari ma' nies awtorevoli kemm fil-Knisja kif ukoll fl-istat, u allura seta' jżomm il-kunvent 'il-bogħod mill-gwerer u l-ġlied bejn in-nobbli u l-isqfijiet illi kellhom diversi kwistjonijiet bejniethom.

Huwa kien jiddependi mill-isqof Girgor ta' Tours, li kien jikkorrispondi miegħu ta' spiss bi kliem rispettuż. It-tweġibiet ta' Girgor kienu wisq iqsar u minnhom jidher li ma kienx kuntent sa barra li jkollu dan il-qassis Taljan li jgħix ħajja komda; iżda xorta waħda huwa kien jinkuraġġih biex ikompli jikteb poeżiji għall-okkażjonijiet pubbliċi. Ġara li wara l-mewt ta' Girgor, Fortunatu Venanzju nnifsu ġie magħżul isqof ta' Poitiers meta kellu 69 sena, iżda x-xogħol kien tqil wisq għalih u miet fis-605, sena biss wara l-għażla tiegħu.

Fil-perjodu bejn l-epoka antika u l-Medju Evu Fortunatu Venanzju sar magħruf l-iktar għall-poeżiji tiegħu. Huwa ħalla ħdax-il ktieb

ta' poeżiji li jinkludu l-ħajja ta' San Martin ta' Tours, u sitta oħra dwar is-Salib Imqaddes, fosthom il-*Vexilla Regis*. Għandu wkoll poeżiji jew innijiet Marjani bħal *Quem terra, pontus, aethera*. Huwa kiteb ukoll ħdax-il bijografija ta' ħdax-il qaddis mill-Galja, fosthom il-ħajja ta' Radegunda.

## Talba

### *Bieb tas-Sema*

***Sinjura glorjuża,***
***bilqiegħda fuq tron fil-għoli,***
***'il fuq mis-sema kollu kwiekeb,***
***magħżula biex tmantni b'ħalib sidrek***
***lill-Ħallieq tiegħek.***

***Mill-frott ħelu tal-ġuf tiegħek***
***aħna nerġgħu niksbu l-barka***
***li konna tlifna***
***minħabba l-blugħa ta' Eva,***
***u l-ġenna nfetħet għalina l-bnedmin.***

***Issa inti d-daħla tas-smewwiet,***
***inti l-Bieb tas-Sultan għoli tal-ġenna,***
***inti t-triq tad-dawl kollok dija u sbuħija.***

***Permezz tal-Verġni l-ħajja ntraddet lilna.***
***Ġnus mifdija, faħħru l-Mulej.***
***Ammen.***

L-awtur ta' din it-talba, fil-ħsieb poetiku tiegħu, jilmaħ lill-Imqaddsa Verġni Marija bilqiegħda fuq it-tron tagħha ta' Sultana tas-smewwiet u tal-art, u mgħollija fil-glorja ħafna iktar fil-għoli mis-sema li nistgħu naraw b'għajnejna, imżejjen bil-kwiekeb kollha dija.

Lill-Madonna San Fortunatu jsejħilha wkoll "Sinjura glorjuża". Hija jistħoqqilha tabilħaqq dan it-titlu li nsibuh anki f'kitbiet antiki u fl-innijiet popolari taż-Żminijiet tan-Nofs. Hija mara l-iktar nobbli, imżejna bl-ogħla ġieħ lilha mogħti minn Alla u glorjuża bit-teżor tal-grazzji li kienet tippossiedi sa mit-tnissil tagħha.

Fost tant nisa hija kienet l-unika waħda magħżula u msejħa biex tkun l-omm ta' Dak li ħalaqha u għammar fi ħdanha meta sar bniedem. Hija ħadet ħsiebu meta kien għadu tarbija żgħira; u malli twieled "fisqietu u medditu f'maxtura" (Lq 2,7). Hija kellha x-xorti waħdanija li tkun l-omm u l-edukatriċi tal-iktar wieħed perfett fost il-bnedmin, il-Bniedem Alla.

Fis-*Sliema* lill-Madona nsellmulha bl-istess kelmiet ta' Santa Elizabetta "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek" (Lq 1,42). Il-kittieb ta' din it-talba, waqt li jirreferi għal Kristu, isejjaħlu: "Il-frott ħelu tal-ġuf ta' Marija" li bih ksibna l-fidwa u l-ħelsien. Tissemma wkoll hawnhekk it-traġedja li laqtet l-umanita` minħabba l-ħtija tal-ewlenin ġenituri tagħna. Minħabba l-iżball ta' Eva l-bnedmin kollha, imnissla minnha, tilfu l-ħbiberija ma' Alla u l-jedd għall-glorja tas-sema. Iżda dak li ntilef ħtija ta' Eva, rġajna ksibnieh bl-intervent ta' Marija, għaliex Binha, bħala Feddej tagħna bil-passjoni u l-mewt tiegħu, reġa' ħabbibna mal-Missier tiegħu tas-sema, u kiseb għalina l-grazzja u l-barkiet tiegħu, u fetħilna mill-ġdid il-ġenna, li kienet għadha magħluqa minħabba ħtijiet il-bniedem.

Aħna fil-Litanija lill-Madonna nsejħulha "*Janua coeli*" - "Bieb tas-sema". F'din it-talba hija msejħa "id-daħla tas-smewwiet" u "il-bieb tas-Sultan tal-ġenna". Marija hija mhux biss il-bieb, li minnu nistgħu nidħlu fid-dar tal-Missier tagħna, iżda hija wkoll il-bieb li minnu għadda l-Iben t'Alla biex mill-għamara tiegħu fis-sema jiġi fostna u jgħix fid-dinja.

Marija hija wkoll "it-triq". Kif Kristu huwa t-triq, għaliex bil-liġi tal-imħabba li Huwa għallimna wriena mnejn għandna ngħaddu biex niksbu l-hena ta' dejjem, Marija tirrifletti fil-ħajja tagħha l-qdusija u t-tagħlim ta' Kristu, u għalhekk il-ġrajjiet ta' ħajjitha huma għalina dawl u mudell ta' perfezzjoni Nisranija.

Fi tmiem it-talba l-awtur jistieden lill-Insara li ġew mifdija minn Kristu biex ifaħħru l-Mulej, waqt li jfakkarhom illi l-ħajja tal-grazzja li kisbilna Kristu ġiet mogħtija lilna bl-intervent tal-Verġni Marija.♦

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



miġbura minn
**Ivan Attard**

**Nota:** *Din l-attivita` qed tiġi ppubblikata f'din il-ħarġa minħabba li nqabżet fil-ħarġa ta' qabel*

## Jannar 2009

**Il-Ħadd, 25:** Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li saru mill-parroċċa tal-Furjana f'għeluq il-175 mit-twaqqif tal-Konfraternita` ta' San Publiju, ġiet organizzata l-festa liturġika ta' San Publiju mill-parroċċa tal-Furjana flimkien mal-parroċċa tal-Għarb. Madwar 80 persuna mill-parroċċa ta' San Publiju flimkien mal-membri tal-Konfraternita` tiegħu, immexxija mill-arċipriet Dun Richard Borg, iltaqgħu man-nies tal-parroċċa tal-Għarb immexxija mill-Arċipriet u l-Kapitlu fis-Santwarju Bażilika tal-Madonna Ta' Pinu. Hemmhekk l-ostensorju bir-relikwa ta' San Publiju li nġab apposta minn Malta ġie espost fuq l-artal prinċipali. Wara li tkanta l-innu u ġiet inċensata r-relikwa, l-Arċipriet tal-Furjana ġarr l-ostensorju waqt purċissjoni li ħarġet mis-Santwarju Ta' Pinu lejn il-kappella ta' San Publiju li tinsab ftit metri 'il bogħod. Meta l-purċissjoni waslet fil-kappella, il-kapitlu tal-kolleġġjata tal-Għarb mexxa t-Talb ta' Filgħaxija u wara saret Quddiesa mmexxija mill-Arċipriet tal-Furjana.



# APRIL 2009

**Il-Ħadd, 5:** Solennita` ta' Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej. Ingħata bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Fl-10.00 a.m. sar it-tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ b'tifkira tad-daħla trijonfali ta' Ġesu` f'Ġerusalemm. Wara ngħata bidu għal Quddiesa Solenni fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

Fis-7.00pm saret il-*Via Sagra* Djoċesana fuq l-Għolja Ta' Għammar, faċċata tas-Santwarju. Din il-*Via Sagra* kienet ippreseduta mill-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, bis-sehem ta' diversi saċerdoti, reliġjużi u lajċi Għawdxin.





**Il-Ħamis, 9:** Ħamis ix-Xirka. Filgħodu, fil-knisja Katidrali, saret il-Quddiesa msejħa "taż-Żjut" li fiha jitfakkar b'mod solenni l-jum tat-twaqqif tas-Saċerdozju ministerjali. F'dan il-jum is-saċerdoti Għawdxin jinġabru madwar l-Isqof tagħhom biex iġeddu l-wegħdiet li kienu għamlu f'jum l-ordinazzjoni presbiterali tagħhom. Għal din il-Quddiesa Pontifikali attendew ir-rettur dun Gerard Buhagiar, il-viċi-rettur Dun Michael Galea u s-saċerdoti kollaboraturi fis-Santwarju tal-Madonna.

Fis-6.00pm ingħata bidu għat-Tridu Solenni tal-Għid biċ-ċelebrazzjoni tal-Aħħar Ikla tal-Mulej. Fi tmiem il-konċelebrazzjoni, Ġesu` Sagramentat ittieħed b'mod solenni lejn l-Altar tar-Repożizzjoni u immedjatament bdew il-Viżti tradizzjonali "tas-Sepulkru".

Bħalma ġara fis-snin l-imgħoddija l-funzjonijiet tat-Tridu Paskwali tmexxew mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritu tad-djoċesi tagħna, u kienu animati mill-kor *Schola Cantorum Jubilate* taħt id-direzzjoni ta' Ms. Marouska Attard u l-organisti Jean-Noel Attard u Mro Stephen Attard.

**Il-Ġimgħa, 10:** Il-Ġimgħa l-Kbira - It-Tifkira Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej. Fl-4.00pm ingħata bidu għaċ-Ċelebrazzjoni Liturġika tal-Adorazzjoni tas-Salib Imqaddes. Attendiet folla impressjonanti ta' nies.



**Is-Sibt, 11:** Sibt il-Għid. Filgħodu, fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, saret ċelebrazzjoni Djoċesana msejħa "Is-Siegħa tal-Omm". Waqt din il-funzjoni reliġjuża, li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, il-Knisja f'Għawdex ingħaqdet mal-Verġni Marija tishar ħdejn il-qabar ta' Binha Ġesu` u tistenna l-mument tal-Qawmien. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, diversi nisa bdew jidilku bil-fwejjaħ l-aktar postijiet għeżież fil-Knisja, fosthom l-altar li huwa simbolu ta' Kristu.

Tard filgħaxija, fit-8.00pm, ingħata bidu għaċ-Ċelebrazzjoni Solenni tal-Vġili ta' l-Għid - is-Sahra tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet. Iċ-ċelebrazzjoni kienet tikkonsisti fit-tberik tan-nar il-ġdid, il-mixegħla u l-intronizzazzjoni tal-Blandun, il-qari tal-lezzjonijiet mit-Testment il-Qadim, l-intonazzjoni tal-*Gloria in Excelsis Deo*, il-Liturġija tal-Magħmudija u l-Liturġija Ewkaristika.

**Il-Ħadd, 12:** Ħadd il-Għid - Is-Solennita` tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet. Il-Quddies kien iċċelebrat bl-istess orarju tal-Ħdud.

**Il-Ħamis, 16:** Rev. Curmi, mill-parroċċa ta' Santa Katerina taż-Żurrieq (Malta), iċċelebra Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla fil-kappella tal-Madonna ta' Pinu.

**Is-Sibt 18:** Saret Quddiesa b'ringrazzjament għad-don tal-ħajja ta' Claire Vella u l-kontinwazzjoni tar-rit tal-Magħmudija li ġiet iċċelebrata fit-2 ta' Frar 2009.

*Pellegrinaġġi*:

**Il-Ħamis, 16:** Saret żjara lis-Santwarju tal-Madonna minn grupp ta' pellegrini Belġjani.

**Il-Ġimgħa, 17:** Saret żjara lis-Santwarju minn grupp ta' lajċi mid-Djoċesi ta' Milan (l-Italja).

**Is-Sibt, 18:** Grupp ta' pellegrini minn Wales (l-Ingilterra) żaru s-Santwarju Nazzjonali tagħna u talbu l-interċessjoni tal-Verġni Mbierka.

**Il-Ħamis, 23:** Patri Peter Paul Cachia OSA mexxa Quddiesa għal grupp ta' persuni mill-belt Valletta li ġew fostna waqt żjara organizzata mill-kunsill lokali bħala parti mill-attivita` *Valletta Community Network*.

**Il-Ġimgħa, 24:** Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju Ta' Pinu mid-Djoċesi ta' Lisboa fil-Portugall.

**It-Tlieta, 28:** Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu minn grupp ta' anzjani mill-parroċċa tax-Xagħra waqt attivita` organizzata mill-kunsill lokali fl-okkażjoni ta' Jum il-Lokalita`, fit-tifkira tat-321 anniversarju mit-twaqqif tal-istess parroċċa. L-anzjani kellhom Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ċċelebrata mill-Kan. Ġużepp Sultana.

## Mejju 2009

**L-Erbgħa, 6:** Illum ingħata bidu għall-ħmistax-il Erbgħa devozzjonali u popolari bi tħejjija għas-Solennita` tal-Għid ta' l-Assunta. Dawn l-Erbgħat huma ċċelebrati bl-akbar qima fis-Santwarju Nazzjonali tagħna. Matul dawn l-Erbgħat is-Santwarju jkun miftuħ bejn l-4.30am u l-10.30pm (mingħajr interruzzjoni). Il-Quddies ikun iċċelebrat f'dawn il-ħinijiet: 5, 6, 7, 8.30, u 9am, 5.30pm (Quddiesa Solenni bil-prietka tal-okkażjoni animata mill-kor *Nativitas*), 6.30 u 8pm. Bejn il-11.30am u l-5.30pm issir Adorazzjoni Ewkaristika Solenni. Din l-adorazzjoni titkompla bejn it-8.30pm u l-10.00pm x'ħin tingħad it-Talba ta' Għeluq il-Jum u tingħata l-Barka Sagramentali. F'kull Erbgħa l-Insara jkunu mistiedna jimmeditaw fuq il-Verġni Marija taħt diversi titli li tagħtiha l-Knisja.

**Il-Ħadd, 17:** Ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lil Carissa Attard, bint Anthony u Caren Attard, waqt Quddiesa ċċelebrata mill-arċipriet il-Kan. Reuben Micallef.

**It-Tnejn, 25:** B'tifkira tal-75 anniversarju mill-kanonizzazzjoni ta' San Ġwann Bosco u l-150 sena mit-twaqqif tal-Oratorju Don Bosco fid-Djoċesi ta' Għawdex, twasslet fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu l-istatwa devota ta' San Ġwann Bosco, xogħol

l-artist Wistin Camilleri Cauchi, meqjuma fl-Oratorju fil-belt Victoria. L-għada t-Tlieta 26 ta' Mejju ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Eddie Vella b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali, reliġjużi u missjunarji biex aktar żgħażagħ ikunu ġenerużi u jwieġbu għas-sejħa tal-Mulej.




*Pellegrinaġġi*:

**Il-Ġimgħa, 1:** Grupp ta' pellegrini mill-Italja żar is-Santwarju tal-Madonna waqt pellegrinaġġ fuq il-passi ta' San Pawl f'din is-Sena Pawlina.

**Is-Sibt, 2:** Grupp ta' pellegrini mill-parroċċa tal-Madonna tar-Rużarju fid-Djoċesi ta' Napli organizza pellegrinaġġ lejn is-Santwarju Nazzjonali tagħna waqt li kien fuq żjara f'pajjiżna fuq il-passi ta' San Pawl.

**It-Tlieta, 12:** Il-komunita` tal-patrijiet tas-Soċjeta` Missjunarja ta' San Pawl għamlet żjara lill-Madonna Ta' Pinu. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Patri Martin Cilia.

**L-Erbgħa, 20:** Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna mill-parroċċa ta' Ġesu` Nazzarenu (Tas-Sliema, Malta) immexxi minn Patri Ġiġi Sapiano.

**Il-Ġimgħa, 22:** Saret żjara lis-Santwarju minn grupp ta' pensjonanti, infermiera u qwiebel Maltin. Ġiet iċċelebrata Quddiesa b'messaġġ għalihom mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritu ta' Għawdex.



**Is-Sibt, 23:** Sar il-pellegrinaġġ annwali mis-seminaristi ta' Għawdex lejn is-santwarju tagħna u ġiet iċċelebrata Quddiesa mir-rettur Dun Daniel Xerri flimkien mal-komunita` tas-saċerdoti li jaqdu fis-Seminarju Maġġuri, li fiha l-ordinandi għamlu l-wegħda tal-fedeltà u taċ-ċelibat flimkien mal-istqarrija tal-fidi tagħhom.

(Nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju 2009, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Solenni li fiha d-djakni Anthony Bajada, Joseph Curmi u Richard N. Farrugia ġew ordnati saċerdoti. Għaxart ijiem wara, nhar it-Tlieta 23 ta' Ġunju 2009, vġili tas-Solennita` tat-Twelid ta' San Ġwann Battista, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Solenni li fiha s-seminaristi Maximillian Grech u Noel Debono ġew ordnati djakni.)

**It-Tnejn, 25:** Sar pellegrinaġġ parrokkjali f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu mill-parroċċa tal-Madonna ta' Fatima fi Gwardamangia (Malta).

**L-Erbgħa, 27:** Grupp ta' tfal mill-iskola *Gozo College - Rosa Magro* tax-Xewkija żar is-Santwarju u talbu r-Rużarju li ġie mxandar fuq Radju Marija. Dan sar fl-okkażjoni tar-raba' Erbgħa ta' Santa Marija.

(ikompli f'paġna 32)




# Marian Stamps from around the world

by Anthony Grech
member of the *Gozo Philatelic Society*

## FIRST MARIAN POSTAGE STAMPS

### Principality of Liechtenstein
### MARY PATRONESS OF LIECHTENSTEIN

After Bavaria which issued the first postage stamps in the world, depicting an image of the Virgin Mary on 14 February 1920, the Principality of Liechtenstein issued its first Marian set of 3 stamps with Our Lady as the subject. This set was issued on 5 October 1920. The 3 stamps have a common design but in different colours and value.

This set was issued as part of a series of stamps to commemorate the 80th birthday of the ruling prince Johann II.

The stamps design shows the Virgin Mary with her God Child, protecting the Capital City of Vaduz. Our Lady is acclaimed as the Special Patroness of Liechtenstein and the feast of Mary's Assumption into heaven is celebrated in Liechtenstein on 15 August with great solemnity. The stamps were designed by Toma and Luigi Kasimar and were engraved in Vienna by *Paulussen and Co.*









# Argentina
# THE BLESSED VERGIN MARY
# STAR OF THE SEA, PATRONESS OF SAILORS

The first Marian stamp of Argentina was issued on 31 January 1944. At that time Argentina was commemorating its annual SEA WEEK. During this annual week the Bishop distributes to all who bring their boats and sea crafts, a medal depicting Our Lady as Patroness of all water transportation.

The stamp was designed on a painting of an unknown artist. To commemorate this event the Argentinean Postal Administration issued a stamp depicting sea vessels and on top a medal showing Mary as Star of the Sea. Mary has been regarded as patroness of seaman for many years. In the 9th centenary Mary was already venerated under the title of STELLA MARIS. In fact in hymns of that time Mary is hailed as "Star of the Ocean".






(ikompli minn paġna 29)

**Is-Sibt, 30:** F'dan il-jum sar il-pellegrinaġġ annwali tal-morda minn Malta u Għawdex li jkun organizzat fl-aħħar Sibt ta' Mejju mill-Ordni Ġerosolimitan ta' San Ġwann. Iċċelebra l-Quddiesa l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, assistit minn Mons. Lawrence Gatt, Mons. Anton Galea u saċerdoti oħra.









**Il-Ħadd, 31:** Solennita` ta' Għid il-Ħamsin. Grupp ta' 40 *past pupils* Salesjani minn Tas-Sliema (Malta) mmexxija minn Fr. Charles Cini, ċċelebraw l-Ewkaristija fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu u wara ppreżentaw xemgħa ta' tifkira. Fl-istess jum, grupp ta' pellegrini mid-Djoċesi ta' Lucca fl-Italja għamel żjara lis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu waqt li kien Malta f'pellegrinaġġ fuq il-passi tal-Appostlu Missierna San Pawl f'din is-Sena Pawlina.



## Ġunju 2009

**It-Tnejn, 1:** Monsinjur Thomas Menamparampil, S.D.B. arċisqof tad-djoċesi ta' Guwahati, fl-Indja, żar is-Santwarju Nazzjonali tagħna u ċċelebra Quddiesa fil-kappella tal-Madonna. Huwa tkellem dwar il-fidi u d-diffikultajiet flimkien ma' persekuzzjonijiet li xi nsara ndjani qed iħabbtu



wiċċhom magħhom f'dawn iż-żminijiet. Ta' min jgħid li l-meditazzjonijiet tal-Via Sagra li tmexxiet mill-Papa Benedittu XVI nhar il-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena, ġew miktuba mill-arċisqof Menamparampil fuq talba tal-Q.T. il-Papa.

**Il-Ġimgħa, 5:** Il-W.R. Kan. Ġużeppi Farrugia Dimech qaddes Quddiesa f'għeluq it-tieni sena mill-mewt ta' Carmela Portelli b'suffraġju għal ruħha.

**Is-Sibt, 20:** F'din il-ġurnata tfakkar l-74 anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-kwadru devot tal-Madonna Ta' Pinu. Dan il-kwadru ġie inkurunat mill-Em. Tiegħu il-kardinal Alessio Lepicier, legat tal-Papa, nhar l-20 ta' Ġunju 1935. Biex titfakkar din il-ġrajja, fis-6.30pm, saret Konċelebrazzjoni Solenni li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi bis-sehem tas-saċerdoti li jagħtu s-servizz tagħhom fis-Santwarju tagħna. Malli ntemmet il-Quddiesa fuq iz-zuntier tas-Santwarju saret Velja ta' Talb li kienet tinkludi purċissjoni qasira *aux flambeaux* bil-kwadru-replika tal-Madonna Ta' Pinu waqt li ġie meditat ir-Rużarju Mqaddes li tmexxa wkoll minn Mons. Isqof Cauchi. Kemm il-Konċelebrazzjoni u kemm il-velja kienu animati mill-kor *Nativitas* tax-Xagħra, taħt id-direzzjoni ta' Silvana Agius u l-organista Ivan Attard u kienu trasmessi b'mod dirett fuq *Radju Marija* (102.3 FM).







**Il-Ħadd, 21:** Lejlet is-solennita` tas-Sejħa tal-Madonna. Matul in-nofstanhar ta' filgħodu l-Quddies kien iċċelebrat fl-istess ħinijiet tal-Ħdud. Fil-4.45pm saret Translazzjoni Pontifikali bir-relikwa tal-Madonna li kienet immexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, isqof djoċesan. Fil-5.00pm beda Pontifikal Solenni ta' lejlet il-festa li kien jinkludi l-kant tal-Ewwel Għasar tas-solennita`. Iċ-ċelebrazzjoni ġiet fi tmiemha bil-Barka Sagramentali.

**It-Tnejn, 22:** **Jum is-Solennita` tal-126 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu** lil Carmela Grima u Franġisk Portelli (1883-2009). F'din l-okkażjoni s-Santwarju tal-Madonna fetaħ il-bibien tiegħu fl-4.30am. Minn filgħodu kmieni sa tard filgħaxija l-pellegrinaġġi ma qatgħu xejn. Il-Quddies filgħodu kien iċċelebrat fil-5, 6 u 7am. Fid-9am ingħata bidu għal Konċelebrazzjoni Pontifikali li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech bis-sehem ta' diversi saċerdoti Għawdxin. Waqt din il-Quddiesa Mons. Isqof wassal il-messaġġ tiegħu tal-okkażjoni. Il-Pontifikal kien animat mill-kor *Stella Maris* taħt id-direzzjoni ta' Mro Carmel P. Grech. Fl-10.10am, il-ħin



li fih Carmela Grima semgħet il-leħen tal-Madonna mill-kwadru Ta' Pinu waqt li kienet sejra lura lejn id-dar, intqalet is-supplika tal-Madonna filwaqt li l-qniepen tal-knejjes kollha tad-djoċesi ta' Għawdex infexxew f'mota solenni ta' kwarta. Fil-11.15am saret Quddiesa oħra u dritt wara nbdiet l-Adorazzjoni Ewkaristika fis-skiet fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu. Din l-Adorazzjoni baqgħet sejra sal-5.30pm x'ħin bdiet Quddiesa Solenni li tmexxiet mill-W.R. Mons. Carmelo Gauci, arċipriet tal-Kolleġġjata Bażilika tal-Viżitazzjoni fl-Għarb, bis-sehem tal-W.R. Kapitlu tal-istess Kolleġġjata. Din il-Quddiesa kienet tinkludi wkoll il-kant tat-Tieni Għasar tas-solennita`. Fit-8.00pm sar Pontifikal Solenni li kien ippresedut mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritu ta' Għawdex, bis-sehem ta' diversi saċerdoti Maltin u Għawdxin. Dan il-pontifikal kien trasmess dirett fuq *Radju Marija* u animat mill-kor *Nativitas* tax-Xagħra. Wara l-Quddiesa kompliet l-Adorazzjoni Ewkaristika sal-ħin tal-10.15pm x'ħin intqalet it-Talba ta' Għeluq il-Jum u ngħatat il-Barka Sagramentali li ġabet fi tmiemhom il-festi f'ġieħ il-Madonna Ta' Pinu.

**It-Tlieta, 23:** Saret Quddiesa u laqgħa għat-terzjarji Karmelitani tal-parroċċa ta' San Girgor il-Kbir, Ta' Kerċem.

**L-Erbgħa, 24:** Monsinjur Bruno Forte, arċisqof metropolitan ta' Chieti, mexxa pellegrinaġġ flimkien ma' grupp ta' saċerdoti mid-djoċesi tiegħu fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina. Fiż-żjara tiegħu li għamel fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, mexxa konċċlcbrazzjoni li fiha talab lill-Madonna Ta' Pinu għal aktar vokazzjonijiet saċerdotali. F'din il-konċelebrazzjoni ħadu sehem ukoll grupp ta' patrijiet Agostinjani fi tmiem l-irtir annwali tagħhom li sar matul dik il-ġimgħa.



**Il-Ħamis, 25:** Dun Eddie Zammit u Dun Franġisk Sultana mexxew Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni ta' għeluq is-26 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tagħhom.

**Is-Sibt, 27:** Dun Effie Masini, direttur tal-Oratorju Don Bosco (Victoria), iċċelebra Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla f'għeluq it-28 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

*Pellegrinaġġi*:

**It-Tlieta, 2:** Il-W.R. Kappillan Karm Camilleri, il-viċi-parroku Dun David Farrugia, Dun Rene`ww Camilleri, Dun Martin Micallef u Mons. Innoċenz Borg, li huma responsabbli mill-kura pastorali tal-parroċċa tal-Appostlu Sant'Andrija (Ħal-Luqa, Malta), flimkien ma' diversi parruċċani, organizzaw pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu b'radd il-ħajr lil Alla f'għeluq it-375 sena mit-twaqqif tal-parroċċa.

**L-Erbgħa, 3:** Grupp ta' 40 mara mil-*Ladies Cultural Circle* fi ħdan il-parroċċa ta' Kristu Sultan f'Raħal Ġdid (Malta) għamlu żjara lis-Santwarju li ntemmet b'Quddiesa ċċelebrata minn Dun Vinċenz Deguara.

**Il-Ħamis, 4:** Sar pellegrinaġġ parrokkjali lejn is-Santwarju mill-parroċċa ta' Kristu Sultan f'Raħal Ġdid. Dan il-pellegrinaġġ kien immexxi mill-W.R. Vinċenz Cachia, kappillan.

**It-Tlieta, 9:** F'dan il-jum saru xejn inqas minn tliet pellegrinaġġi lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. L-ewwel wieħed kien organizzat mill-parroċċa ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq u kien immexxi mill-W.R. Dun Raymond Cassar, viċi-arċipriet. It-total ta' persuni li attendew kien ta' disgħin. Sar pellegrinaġġ ieħor mill-parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fgura u ieħor mill-*Mosta Day Care Centre*. Dan l-aħħar pellegrinaġġ spiċċa b'Quddiesa mmexxija mill-W.R. Kan. George Bezzina.

**L-Erbgħa, 10:** Sar pellegrinaġġ miċ-Ċentru għall-Persuni b'Diżabbilta` fil-Birgu, immexxi mill-W.R. Raymond Cassar. Saret żjara lis-Santwarju tal-Madonna minn numru ta' membri tal-*Little Sisters of the Poor* (il-Ħamrun). F'din il-ġurnata wkoll xi residenti mid-Dar *San Vinċenz de Paul* żaru lill-Madonna Ta' Pinu.

**Il-Ħamis, 11:** Bħala parti mis-safra tagħhom lejn pajjiżna numru ta' parruċċani mill-parroċċa ta' Santa Katerina ta' Siena fid-djoċesi ta' Firenze (l-Italja) għamlu żjara lill-Madonna Ta' Pinu. Din iż-żjara ta' talb intemmet b'Quddiesa b'radd il-ħajr lil Alla fl-anniversarju tal-kanonizzazzjoni tal-qaddisa patruna tagħhom.

**Il-Ġimgħa, 12:** Ġie organizzat pellegrinaġġ lejn is-Santwarju minn grupp ta' persuni li jattendu l-laqgħat tal-grupp ta' talb *Alla Huwa Mħabba* mill-parroċċa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien (Malta). Dan il-pellegrinaġġ intemm b'Quddiesa li kienet iċċelebrata minn Dun Valentino Borg.

**It-Tlieta, 16:** Grupp ta' żgħażagħ mill-Fgura għamel żjara lis-Santwarju tal-Madonna u kellu Quddiesa mmexxija minn Patri Hermann Duncan, OCD.

**Il-Ħamis, 18:** Numru ta' terzjarji Karmelitani mill-parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu fi Fleur-de-Lys żaru lill-Madonna Ta' Pinu. Fl-istess jum sar pellegrinaġġ mill-grupp *Santa Monika* ta' Ħal Tarxien, immexxi minn Patri Franco Grech OSA u Patri Pawlu Formosa, OSA. Wara nofsinhar grupp ta' pellegrini minn Piacenza (fl-Italja) għamlu żjara lis-Santwarju Nazzjonali tagħna akkumpanjati mill-isqof tagħhom u tliet saċerdoti mill-parroċċa.

**Il-Ġimgħa, 19**: Jum is-solennita` liturġika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu`. F'din il-ġurnata l-Q.T. il-Papa Benedittu XVI fetaħ uffiċjalment is-Sena Saċerdotali fir-rikorrenza tal-150 anniversarju mill-mewt ta' San Ġwann Maria Vianney, il-Kurat ta' Ars u patrun tal-kappillani. F'din l-okkażjoni sar pellegrinaġġ Marjan waqt l-irtir tat-tħejjija għall-ordinazzjoni presbiterali ta' tmien djakni Maltin li tmexxa mill-W.R. Mons. Carmelo Refalo, arċipriet tal-Kolleġġjata-Bażilika ta' Marija Bambina, ix-Xagħra, Għawdex. (L-ordinazzjoni tagħhom saret nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2009 fil-kon-katidral ta' San Ġwann minn idejn l-E.T. Mons. Pawlu Cremona OP, arċisqof metropolita).

F'din l-istess ġurnata sar pellegrinaġġ b'tema Marjana mir-residenza *San Vinċenz de Paul.*

**It-Tnejn, 22**: F'jum is-Solennita` tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu, saru żewġ pellegrinaġġi lejn is-Santwarju Nazzjonali tagħna. Dawn kienu l-pellegrinaġġ mill-Grupp *Kultura Marjana* (Malta) u ieħor mill-parroċċa ta' Sant'Andrija (Ħal-Luqa, Malta), fl-okkażjoni tal-35 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tal-kappillan Dun Karm Camilleri u sħabu.

**It-Tlieta, 23**: Sar pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' Marija Assunta, Ħal Għaxaq.

**L-Erbgħa, 24**: Saret żjara lis-santwarju minn grupp ta' pellegrini Taljani.

**Il-Ħamis, 25**: Sar pellegrinaġġ minn Malta organizzat mis Soċjeta` tal MUSEUM għall koperaturi tagħha.

**It-Tnejn, 29**: Solennita` ta' San Pietru u San Pawl. Sar pellegrinaġġ lejn is-santwarju mill-grupp tal-abbatini li jservu fil-knisja parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla. Kellhom Quddiesa ċċelebrata għalihom fis-santwarju.






# L-Għanja tal-Qaddejja
## (Is-6 Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring, maqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

## Marija, il-prototip tal-fidi

"Hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej!" (Lq 1:45). Lil Marija ma nistgħu nagħtuha ebda tifħir aqwa minn dak ipproklamat minn Eliżabetta. Marija hi Omm il-Knisja fuq kollox bħala l-prototip tal-fidi. Il-fidi hi dik l-aċċettazzjoni hienja, grata u umli ta' dak li hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja.

Marija nisslet f'ġufha lill-Verb Inkarnat tal-Missier meta laqgħet f'qalbha l-bxara t-tajba tal-miġja tal-Feddej u tal-missjoni fdata lilha. It-tweġiba tagħha, "Hawn jiena, il-qaddejja tal-Mulej", hi fidi mimlija fiduċja u tama. Il-fidi tagħha hi l-abbandun u l-fiduċja sħiħa f'Alla li jxettlu attenzjoni kontinwa għas-sinjali tar-rieda ta' Alla u jnisslu l-imħabba għall-ħajja fid-dinja.

Il-fidi ta' Marija hi ferħ, imma hi wkoll tiftixa umli u mħeġġa tar-rieda ta' Alla. Bil-fidi tagħha Marija tista' tagħraf is-sinjali tal-preżenza ta' Alla. Hi mudell għall-Knisja fis-sintesi tagħha ta' gratitudni għad-don b'xejn ta' Alla u d-disponibbiltà tiegħu li jkun għas-servizz ta' l-oħrajn. Il-ħwejjeġ sbieħ kollha li fuqhom titkellem l-ittra lil-Lhud isiru għanja wisq ikbar ta' ferħ meta naħsbu fuq il-fidi ta' Marija. "Il-fidi hija pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma narawx. In-nies ta' l-imgħoddi għoġbu lil Alla sewwa sew għax kellhom il-fidi. Hu permezz tal-fidi li aħna nemmnu kif Alla ħoloq id-dinja bil-kelma tiegħu, hekk li minn dak li ma narawx sar dak li jidher" (Lhud 11:1-3). Bil-milja tal-fidi tagħha Marija tagħraf taqra l-ħolqien ġdid u ta' l-għaġeb li jseħħ fl-Inkarnazzjoni tal-Verb etern. Hu l-ħolqien ta' l-art ġdida u s-sema ġdid, ħolqien wisq isbaħ minn dak ta' l-univers li jidher.

"Mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla" (Lhud 11:6). Marija togħġob lil Alla iktar minn kull ħlejqa oħra għax hi minn ta' quddiem bil-fidi u l-fiduċja tagħha f'Alla.

"Kien minħabba l-fidi tiegħu li Noè, mgħarraf minn Alla fuq ħwejjeġ li kienu għadhom ma jidhrux, mimli b'biża' qaddis bena arka biex isalva l-familja tiegħu; u b'dik il-fidi kkundanna d-dinja u sar werriet tal-ġustizzja li tinkiseb bis-saħħa tal-fidi" (Lhud 11:7). Bil-fidi Marija ssir għalina l-arka ta' salvazzjoni li fiha jiġi għandna l-Feddej tad-dinja. Hi l-prototip ta' u l-wegħda għall-Knisja, li hi l-arka tas-salvazzjoni skond il-qies tal-fidi tagħha.

"Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham jobdi s-sejħa ta' Alla, meta dan qallu biex imur f'art li kien sa jagħtih b'wirt; u telaq, bla ma kien jaf fejn kien sejjer" (Lhud 11:8). Bil-fidi Marija



tgħaddi bil-kbir 'il-fidi ta' Abraham u wkoll lil dik tal-patrijarki l-oħra kollha. Hi lesta li tħalli warajha d-drawwiet tas-soltu ta' ħajjitha u tterraq bil-pass tagħha f'art għal kollox ġdida u moħbija għaliha, u tilqa' l-missjoni li tkun omm u qaddejja, il-qaddejja tal-Feddej tad-dinja. F'ubbidjenza kollha fidi hi taċċetta l-akbar eżodu, dak ta' Kristu; l-eżodu 'l hemm mill-Eġittu u d-deżert lejn dak tas-Salib.

"Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham joffri 'l Iżakk meta Alla ġarrbu; u kien sa joffri lil ibnu l-waħdieni sewwa sew dak li kien ħa l-wegħdiet" (Lhud 11:17). Alla ma riedx tassew lil Abraham jissagrifika lil ibnu. B'fidi iktar profonda u mdawla Alla ħeles lil Abraham u 'l nislu mid-drawwa tal-kultura ta' qabel fejn spiss kien jiġi ssagrifikat l-ewwel wild. Alla ma riedx li l-Lhud u Pilatu joqtlu lil Ibnu l-maħbub, imma ried li Ġesù, jiġri x'jiġri, juri li kien għal kollox lest li jingħata għall-fidwa tal-bnedmin. Fl-għotja tiegħu nnifsu timxi f'kollox warajh Marija, il-qaddejja tal-fidwa. Hi tingħaqad, b'qalb imweġġgħa imma kollha mħabba, mas-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-Salib.

"Ladarba aħna wkoll għandna madwarna sħaba hekk kbira ta' xhieda, ejjew inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna,



u b'qalbna qawwija nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna; inżommu għajnejna merfugħa fuq Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna" (Lhud 12:1-2). Marija tgħaddi l-fidi ta' l-oħrajn kollha għax l-eżistenza kollha tagħha ddur lejn Ġesù; hi tafu bħala l-Feddej ta' kulħadd u tingħata għal kollox lilu li hu l-Qaddej.

Hu b'dan il-mod li Marija tgħallem lilna u lill-Knisja kollha. F'kull ma tagħmel u tgħid hi tfakkarna li "m'hemmx fidwa f'xi isem ieħor ħlief f'dak ta' Ġesù".

Infaħħruk, Missier, għajn ta' kull ħajja u dawl,
għax bgħattilna lil Ġesù Kristu, Ibnek,
Bin il-bniedem, bin Marija.
Irroddulek ħajr għax tajt lil Marija
fidi hekk safja, hekk qawwija,
hekk mimlija bil-ferħ,
li hi saret l-aktar ħabbâr ipprivileġġjat tal-fidwa,
u l-mudell tal-fidi.
Ma' Eliżabetta u mal-Knisja kollha
nfaħħru l-fidi ta' Marija.
Infaħħruk, int li tagħti d-doni tajba kollha,
u 'l-Ispirtu s-Santu li jixgħel il-fidi fi qlubna.
Irroddulek ħajr għall-arka ġdida ta' salvazzjoni,
il-Knisja li tidher f'Marija, il-prototip tal-fidi,
bħala l-komunità ta' dawk li jemmnu.
Mal-Knisja kollha aħna nħarsu lejha,
il-Verġni l-aktar safja,
li tgħix perfettament l-integrazzjoni
tal-fidi u l-ħajja.
Waqt li nafdaw fl-interċessjoni tagħha, nitolbu:
"Kabbar il-fidi tagħna ħalli kull wieħed minna
jitbierek minħabba l-fidi tiegħu
u ħalli nafdaw dejjem li l-kelmiet tiegħek
sa jseħħu
f'dawk kollha li jqiegħdu fik il-fidi tagħhom".

O Marija, kull darba li nitolbu
"Imbierka inti fost in-nisa"
aħna nfaħħruk għall-fidi tiegħek.
Itlob għalina biex il-fidi tagħna tkun dejjem
qawwija u tarmi d-dawl,
mimlija bit-tama u lesta dejjem li ssir,
flimkien miegħek,
Vanġelu ħaj,
li ġġib is-sliem messjaniku lill-bnedmin kollha.
Amen. ♦




**Amerika:** Apap Sam, Bajada Joe & Agnes, Borg Charlene, Camilleri Jessica, Cauchi Josette, Curmi Ġanni, Cutajar Rita, Farrugia Salvina, Galea Joseph, Galea Julie, Grech Sylvia, Muscat Joe & Grace, Muscat Joseph, Said Doris, Sammut Rose, Spiteri Tessie.

**Awstralja:** Anette, Attard Charlie, Azzopardi Josephine, Azzopardi Rita & Rose, Baisory Karb Nazeeha, Bigeni R., Borg John & Grace, Borg Marija, Bugeja Michelle, Buttigieg Ġuża, Buttigieg Carmen, Buttigieg Helen, Calleja Margaret, Camilleri Alfred & M., Dingli Marija, Gatt Nancy, Grech Catherine, Hili Kathleen, Mantineo Sylvia, Mintoff Mary Anne Portelli Martin, Portelli Tona, Sultana Joe, Sultana Karistu, Vella Rose, Xerri Rita, Xuereb Carmen.

**Ewropa:** Cordina Mary, Lengic Margit, Parrott, Reed Liza.

**Għawdex:** Aquilina Stella, Attard Benna, Attard Charles, Attard Karen, Attard Lillian, Attard Marganne, Attard Marlene, Attard Pawla, Attard Stella, Axiaq Marija, Azzopardi Antonia, Azzopardi Karmena, Azzopardi Miriam, Azzopardi Rita, Bajjada Ġiovanna, Bajjada Karistu, Bajjada Paul, Bellotti Loraine, Bezzina Rita, Borg Adreana, Borg Carmen, Borg Frank, Borg Grace, Borg Manwel, Borg Noel, Bugeja Florence, Bugeja Jacquelene, Bugeja Mario, Bugeja Tereża, Buttigieg Carmen, Buttigieg Eugenio, Buttigieg Evangelista, Buttigieg Frankie, Buttigieg Publius, Camilleri Ġuża, Camilleri Francis, Camilleri Gracy, Camilleri Margaret, Camilleri Mary Rose, Camilleri Miriam, Camilleri Rita, Cardona Joe (Fr)., Caruana Ġiġa, Caruana Anna, Caruana Marija, Cassar Gillian, Cassar Kelinu, Cauchi Eugenio, Cauchi Josephine, Cauchi Karmnu, Cauchi Marija, Cini Fam., Cini Joseph, Cordina Karistu, Costa Karmena, Costa Tereza, Curmi Anthony, Curmi Miriam, Debono John, Debono Marianne, Debrincat Marija, Dimech Catherine, Dimech Maria Assunta, Falzon Doreen, Falzon Francis, Farrugia Ġanna, Farrugia Carmen, Fiteni Joe, Fiteni Rita, Formosa Ġorġa, Formosa Jayden Joe, Formosa Marija, Galea Ġuża, Galea Josephine, Gatt Joe, Gauci Joe, Gauci Karmnu, Gauci Marija, Grech Alex, Grech Josephine, Grech Rose, Grima Salvu, Grima Verginia, Hili Carmen, Hili Sunta, Leprevost Josephine, Mercieca Jessie, Mercieca Rita, Micallef Leli, Mifsud Domenic, Mifsud Pauline, Mizzi Ġużepp, Mizzi Rodrick, Mizzi Victoria, Muscat Antonia, Muscat Coronata, Muscat Fam., Muscat John, Muscat Koronata, Muscat Margaret, Muscat Margerit, Muscat Mario, Muscat Mary Anne, Muscat Phyllis, Muscat Rose, Pace Mary, Pace Tereza, Parnis Joyce, Pisani Mary Rose, Pisani Rita, Portelli Ġuża, Portelli Ġużeppa, Portelli Emily, Portelli Joseph, Portelli Marija, Portelli Nata, Portelli Rita, Rapa Frans, Rapa Karmena, Refalo Rosaria, Said Esther, Said Koronata, Said Marija, Said Walter, Saliba Żarena, Saliba Chris, Scicluna Carmen, Scicluna Mary, Spiteri Feli', Spiteri Marija, Spiteri Mario, Spiteri Tessie, Sultana Mary, Sultana Tarcisio, Tabone Familja, Tabone Frank, Tabone Laura, Tabone Rita, Theuma Marianne, Theuma Peter, Vassallo Mary, Vella Carmen, Vella Doreen, Vella Familja, Vella Joseph, Vella Marija, Vella Michelle, Vella Rożarja, Vella Suzanne, Xerri Angela, Xerri Carmen, Xerri Elizabeth, Xerri Mikelina, Xuereb Ġanni, Xuereb Carmen, Xuereb Charlie, Xuereb Grace, Xuereb John, Xuereb Joseph, Zahra Antonella, Zahra Tony, Zammit Loretu, Zammit Ricardo, Guza, Joseph & Gorgia.

**Malta:** Abdilla Tereża, Abela Anabelle, Abela Jesmond, Abela Mr., Abela Pawlu, Agius Charlie, Anastasi Grace, Aquilina Lawrence, Arrigo Agency, Attard C., Attard Kal'idon, Attard Mary, Azzopardi Anna, Azzopardi Antonia, Azzopardi Doris, Azzopardi Gino, Bajjada Tony, Baldacchino Fiona Bezzina Gaetano, Bezzina Josephine, Bonavia Salvu, Bonnet Robbie, Bonnici Nicholas, Bonnici Rita, Borg Antoinette, Borg Antonia, Borg Marija, Borg Miriam, Borg Mrs., Borg Rose, Boxon Luljon, Bozol Luliana, Briffa Carmen, Brincat Connie, Bugeja Carmen, Bugeja Helen, Bugeja John, Bugeja Salvina, Buhagiar Doris, Busuttil Jamis, Cachia Antonia, Calleja Anna, Calleja Imperia, Camenzuli Cathy, Camilleri Christa, Camilleri Doris, Camilleri Frieda, Camilleri Ivan, Camilleri Jesmond, Camilleri Juan, Camilleri Natasha, Camilleri Tereża, Carabott Anna, Caruana Damian, Caruana Margaret, Cassar Doreen, Cassar Joseph, Castagna Vivienne, Catania John, Cauchi Angelo, Cauchi Carmelo, Cauchi Doris, Cauchi Josette, Cesare Pat, Ciangura Karmena, Ciantar Antonio, Cini Joyce, Cocker Martin, Coleiro Adrian, Cutajar Marika, Darmanin Melanie, Debattista Raymond, Debono Alfred, Debono Melita, Debono Saviour, Debono Sylvia, Delia Sam, Demicoli Louise, Dingli Familja, Drago Esther, Drago S., Ellul Mary, Falcone Roman, Fanciulli Rommie, Farrugia Carol, Farrugia Catherine, Farrugia Emanuel, Farrugia Irene, Farrugia Margaret, Farrugia Marion, Farrugia Pauline, Farrugia Vincent, Felice Ġovanna, Fenech Charlie, Fenech Mary Carmen, Fiteni Joe, Formosa Emma, Francica Jeffrey, Frendo Raymond, Gafda Ġiovanna, Galea Annie, Galea Dolores, Galea L., Galea Marija, Gatt Agnes, Gatt Lawrence, Gatt

(Ikompli f'paġna 40)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

migbura minn Edward Depasquale

## Jannar - Mejju 2009

**Amerika:** Borg Krystal.

**Ewropa:** Lansonneur William, Nash Francesca Rosaria.

**Għawdex:** Agius Felix, Agius Francine, Agius Nathan, Apap Lisa, Apap Marlon, Attard Anouk, Attard Christine, Attard Janica, Attard Jerome, Attard Sven, Attard Briffa Alexia, Axiaq Keima Mae, Azzopardi Dylan, Azzopardi Karol Josef, Azzopardi Malcolm, Azzopardi Miguel, Azzopardi Sean Paul, Balluci Dylan, Balluci Hailey, Bonello John Paul, Bonello Luke, Borg Geordie, Borg Jake, Borg Kylen Francesco, Bugeja Bella, Bugeja Carlos, Bugeja Lucas, Buttigieg Aaron Preston Paul, Buttigieg Mirielle, Calleja Kieran, Camenzuli Aidan, Camenzuli Mariah, Camenzuli Thea, Camilleri Ellie, Camilleri Jodie, Cardona Isaac, Cardona Justin, Cassar Eve Elizabeth, Cassar Neil, Cauchi Lara, Cauchi Maisie, Cini Kyra, Cini Leona, Cini Marvic, Cordina Cassidy, Cremona Sienna, Cutajar Karmen, Cutajar Kate, Cutajar Kurt, Debono Ilaria, Debrincat Giacomo, Falzon Nadia, Farrugia Leah, Farrugia Thomas, Fava Chylen, Formosa Jaiden Joe, Formosa Kylie, Galea Savio, Gauci Marie, Gauci Neil Grech Claudia, Grech Elani, Grech Elena Louise, Grech Elisa, Grech Ivana, Grech Jacob, Grech Nathan, Grech Theo, Grima Jacob, Grima Jayden, Grima Lucas, Grima Margerita, Grima Seralee, Hili Jean, Meilaq Niana, Mercieca Maya, Micallef Kenneth, Micallef Lucas, Mifsud Maria Francesca, Mizzi Joseph, Muscat Isaac, Muscat Lizamarie, Muscat Marija, Muscat Sven, Pace Aiden Pace Jean, Pace Nathan, Portelli Hannah, Portelli Nathan, Refalo Ethan, Refalo Marija, Sacco Jake, Said Alexander, Said Kaitlyn, Said Leah, Said Marissa, Said Rose, Said Thiago, Saliba Anna, Saliba Jean, Saliba Marija, Saliba Maya, Saliba Michela, Sammut Joe, Scerri Juan, Scicluna Jayden James, Simoncic Gabriel, Spiteri Dorothy, Spiteri Sean, Stellini Adriana, Stellini Eliza, Sultana Yanica, Valenti Fulvio Maria, Vella Claire, Vella Federica Cristina, Vella Francesca, Vella Jamie, Vella Kayla Jade, Vella Lara, Vella Marcus Jo, Vella Mia Joy, Vella Rachelle, Vella Romwel, Xerri Yana, Xuereb Janice, Xuereb Michael, Zahra Yurgen, Zammit Giulia, Zammit Jo Marie, Zammit Laura, Zammit Luca, Zerafa Andrew.

**Malta:** Abela Elisa, Abela Lincon Jay, Abela Mackenzie, Abela Samiera, Abela Valeria, Agius Chloe, Agius Isaac, Agius Yan, Attard Gian Roberto, Attard Lendra, Azzopardi Jaden, Azzopardi Mariah, Balzan Miguel, Bartolo Nolan Franz, Bartolo Sean Carl, Bonello Adreana, Bonello Sarah Jo, Bonello Shayemma, Borg Amy Felicity, Borg Eliza Marie, Borg lona Marie, Borg Mariah, Brincat Nathan, Bugeja Tate Beppe Bugeja Tate Julia, Busuttil Cheryl, Busuttil Kian, Caligari Danier Marc, Camenzuli Daniel Camilleri Gregory, Camilleri Katrina, Caruana Darziel, Caruana Emma, Caruana Karen, Caruana Noah, Cassar Matthias, Cauchi Casey, Cesare Jake, Cesare Tania, Ciangura Jayden, Cocker Nickolai, Cocker Zacchrey, Cornthwaite Jessica, Curmi Gianluigi, Debono Gabriel, Deguara Martina, Desira Hayden, Falzon Neil, Farrugia Jerome, Farrugia Liam, Farrugia Luigi, Farrugia Matteo, Formosa Jake, Formosa Julian, Galdes Tiffany, Galea Jamie, Galea Kyle, Galea Neil, Gauci Alisa, Gauci Kyle, Grech Lara Marie, Grima Hayden, Grima Jamie, Grima Julian, Grima Justin, Grima Lionel John, Grima Sheyzen, Grima Tyrone, Magro Kim Marie, Mangion Haylee, Mangion Lorna, Mangion Sven, Marquette Rean. Mercieca Kezya, Micallef Giorgio, Micallef Miguel, Micallef Shania, Micallef Gabrielle, Mifsud Cherylise, Mifsud Giuseppe, Mifsud Jake, Muscat Francesca, O'Reilly Eamonn Duncan, Pace Niamh, Pisani Kylejo, Portelli Jake Carol, Sacco Lara, Sammut Benjamin, Sammut Ilaria, Sammut Martina, Sammut Mattheo, Sapiano Saia, Sapiano Zion, Scerri De Caro Kyle, Schembri Yovana, Scicluna Jodi, Scicluna Kinsey, Sigona Alessandro, Spiteri Jack, Spiteri Jake, Spiteri Matthias, Sultana Denzel, Tabone Ivan,v Tanti Krista, Vassallo Neil, Vassallo Depasquale Emilia, Vella Jayden, Vella Kiana, Vella Leon, Vella Shaun Michael, Vella Thais, Wiberg Maximillian, Xuereb Paula Valentina, Zammit Eve, Zammit Julian, Lara Marie.

---

(ikompli minn paġna 39)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

Raymonda, Gauci Anne, Gauci Doreen, Gerada Teresa, Grech Fam.,Grech Florence, Grech Gaetano, Grech Josephine, Grech Mary, Grima Jennifer, Grima Josephine, Himan Carmen,Jesmond, Mackay Denis, Magro Grace, Mallia Anthony, Mallia Charles, Mallia Charlie, Mallia Elena, Mangion Edward, Micallef John Mary, Micallef Louis, Micallef Louise, Micallef Margaret Micallef Michael, Micallef Tereza, Mifsud Charlie, Mifsud Kirsten, Mifsud Roberta, Mizzi Veronica, Mousu Tony, Muscat Ġanni, Muscat Antida, Muscat Carmen, Muscat Fam., Muscat Frances, Muscat Josephine, Muscat Mary Rose, Nichols Margaret, Pace Lina, Pace Vivienne, Paris John Paul, Piscopo Alfred, Piscopo Julie, Polidano Paul, Portelli John, Psaila Ġuża, Pulis Graziella, Sacco Antoinette, Saliba Julia, Sammut Daphne, Schembri A., Schembri Andre, Schembri Carmelo, Schembri Charlene, Schembri Julie, Sciberras Filomena, Scicluna Frans, Souness Lina, Spiteri Fam., Spiteri Kevin, Taylor Laura, Theuma Mary, Vassallo Emanuela, Vassallo Liza, Vassallo Agius Miriam, Vella Antonia, Vella Catherine, Vella Cynthia, Vella Jane, Vella Joseph, Vella Mary, Vella Rose, Xuereb Alfred, Xuereb Carmel, Xuereb Charlie, Xuereb Marika, Young Mary, Zahra Lucy, Zammit Adrian, Zammit Aida, Zammit Gracy, Zammit Joseph, Zammit Lina, Zammit Mary Anne, Zammit Mrs., Zammit Victor, St. Joseph School

# JITKOMPLA R-RESTAWR FIS-SANTWARJU



## RINFURZAR TAL-PEDAMENTI

*Minħabba li f'dawn l-aħħar snin dehru xi konsenturi fuq in-naħa ta' wara tas-Santwarju, fuq pariri ta' xi periti u ġeoloġista, f'dawn il-jiem tas-sajf qed isir rinfurzar tal-pedamenti. Kellu jinqala' l-madum u jinkixfu partijiet sostanzjali tal-pedamenti u tingħata soda ta' konkrit rinfurzat kemm fuq ġewwa u kemm fuq barra. Barra minn dan qed jinbidlu wkoll xi katusi tal-ilma tal-bjut li nstabu maqsuma b'kaġun li l-ilma tagħhom kien qed jinżel fil-pedamenti u kien qed jikkawża l-umdita` fil-ħitan. Ma' dan ix-xogħol ser tinbidel is-sistema tal-eletriku peress kien għad hemm wires antiki.*

*Biex issir dan ix-xogħol kollu sintendi l-ispejjes ma humiex ftit!!!*

**Ir-ritratti juri xi fażijiet tax-xogħol li qed issir.**



***Is-Santwarju qed jitlob l-għajnuna tiegħek.* GRAZZI**

# Restawr tat-Twieqi tal-Koppla



*Dan is-sajf beda jsir wkoll xogħol ta' żebgħa fuq it-twieqi tal-Koppla li jinsabu fuq in-naħħa ta' barra. F'xi każijiet kellhom jsiru mill-ġdid minħabba li l-injam kien spiċċa. Waqt li kien għaddej dan ix-xogħol, sfortunament, instab li t-twieqi tal-stained glass tal-koppla għandhom ħsarat kbar. Instab li l-istokk li kien jorbot il-biċċiet tal-ħġieġ maċ-ċomb tmermer.*



*Minħabba f'hekk huwa meħtieġ li kull tieqa tinqala u terġa issir mill-ġdid, biċċa biċċa. Dan huwa xogħol delikat ħafna u jitlob paċenzja kbira.*

*Minħabba l-urġenza li fih kienet tinstab waħda minn dawn it-twieqi, ix-xogħol fuqhom diġa` beda.*



*Ir-ritratti juri fażijiet diversi tax-xogħol li qed issir fuq it-twieqi. Hu maħsub li dan ix-xogħol ta' restawr fuq it-twieqi jieħu madwar tliet snin bi spiża ta' madwar 2000 euro jew aktar kull tieqa, jiddependi dejjem l-istat li fih tinsab kull tieqa. Kif taraw dawn ma humiex spejjeż żgħar.*



*Is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu qed jagħmel appell għall-għajnuna finanzjarja.*

*Kull euro huwa ta' għajnuna kbira.*
*Ibgħat id-donazzjoni tiegħek lil:*
**Santwarju Madonna Ta' Pinu**
**Triq Ta' Pinu, Għarb – Għawdex GRB 1704, MALTA.**

NEWSPAPER POST